MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 31/2002/1

**Joseph u Marianne Bellizzi u b'digriet tad-19 ta' Ottubru 2006 il-Qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju minn fuq Marianne Bellizzi ghal fuq Jonathan Bellizzi u l-istess rikorrent Joseph Bellizzi bhala missier il-minuri Tiziana Bellizzi.**

**vs.**

1. **Awtorita` Marittima ta' Malta.**
2. **Salvatore Bellizzi u bil- provvediment tal-Qorti tat-30 ta' Mejju 2003 ordnat is-sejha fil-kawza lill-Avukat Generali.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ipprezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Ottubru 2002 li jghid hekk:
"Illi r-rikorrent ghandu frejgatina tat-turisti li jahdem biha *full time* f'Wied iz-Zurrieq, liema frejgatina ghandha numru ta' registrazzjoni S 11217. Huwa ilu jahdem hekk bhala barklor f' Wied iz-Zurrieq sa mill-1981.

"Illi fl-atti tal-kawza Citazzjoni Numru 72/1968 fl-ismijiet "**Mikiel Bellizzi vs Vincenzo Bellizzi et**" gie registrat ftehim, li jinsab riprodott fis-sentenza fl-istess ismijiet u jifforma parti ntegrali minnha, *"li l-marbat li hemm Wied iz-Zurrieq ghandu jibqa' in komuni bejn il-kontendenti..."* Din is-sentenza ghaddiet in gudikat u l-ftehim imsemmi fiha jammonta ghal kwazi-kuntratt bejn l-awturi tal-kontendenti, in kwantu l-verbali registrati fl-atti ta' xi kawza huma meqjusa kwazi-kuntratti.

"Illi skond ftehim li jmur lura hafna snin, ir-rikorrent u l-kugin tieghu, l-intimat Salvatore Bellizzi, jaqsmu bejniethom il-marbat jew irmigg li kien tan-nannu taghhom, Francesco Bellizzi hawn fuq imsemmi, u dan peress li joqghodu zewg frejgatini fuq dan il-marbat.

"Illi fl-1991, meta dahal fis-sehh l-Att dwar l-Awtorita` Marittima ta' Malta, **hadd** minn dawk li jahdmu bil-frejgatina f'Wied iz-Zurrieq ma applika ghal permess minghand l-Awtorita` u l-parti l-kbira ghadhom sallum mhumiex rikonoxxuti izda xorta juzaw il-marbat taghhom liberament.

"Illi fis-26 ta' Gunju 1995, l-intimat Salvatore *sive* Saviour Bellizzi, li huwa licenzjat *part time* biss, applika ghand l-Awtorita` Marittima ghal permess biex jorbot il-frejgatina tieghu ma' dan il-marbat uzat ukoll mir-rikorrent, u l-Awtorita` intimata hargitlu permess ghalih biss fis-27 ta' Gunju 1995, jigifieri l-ghada stess, u dan avolja kien ghalaqlu z-zmien biex japplika. Jekk dan hu korrett, l-Awtorita` stess ma segwietx ir-regolamenti mposta minnha stess.

"Illi fit-18 ta' Lulju 1995, l-esponenti, li huwa licenzjat *full time* u li l-ghixien tieghu jiddependi minn hemm biss, applika ghal permess biex huwa wkoll jorbot il-frejgatina tieghu ma' dan il-marbat uzat ukoll mill-intimat Saviour Bellizzi, izda t-talba tieghu giet irrifjutata mill-Awtorita` intimata ghaliex l-irmigg tieghu kien inghata lil haddiehor, jigifieri, lil Saviour Bellizzi bl-eskluzjoni tar-rikorrent. Lill-esponent biss tnehhielu d-dritt li jorbot ma' l-irmigg tieghu. Kieku kien veru illi d-dritt ereditarju fuq l-irmigg kien gie terminat fl-1991 (kif qalet l-Awtorita`) meta hija saret l-entita` resposabbli ghall-hrug tal-permessi, jigi li mill-1991 sal-1995 l-Awtorita` naqset li taqdi din il-funzjoni taghha *vis-a-vis* il-kontendenti. *Inoltre*, l-Awtorita` ghadha tonqos sallum *vis-a-vis* dawk il-barklori kollha li ghadhom sallum ma applikawx ghal permess minghandha.

"Illi fl-1995 l-esponenti u martu Marianne Bellizzi ghal kull interess li jista' jkollha pprezentaw Citazzjoni Numru 1269/95 fil-Qorti Civili Prim Awla fl-ismijiet "**Joseph Bellizzi et vs Joseph Grioli bhala Chairman u Alfred Cremona bhala Executive Director Yachting Directorate ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-Awtorita` Marittima ta' Malta**", li biha talbu lill-Qorti (1) tiddikjara illi l-attur ghandu dritt jorbot il-frejgatina tat-turisti bin-numru ta' registrazzjoni S 11217 mal-marbat jew irmigg f'Wied iz-Zurrieq; (2) tiddikjara illi l-attur huwa ntitolat li jinhariglu l-permess mill-konvenut *nomine* sabiex jorbot l-imsemmija frejgatina mal-marbat f' Wied iz-Zurrieq; (3) tikkundanna lill-konvenuti *nomine* johorgu l-permess necessarju sabiex l-attur jorbot l-imsemmija frejgatina mal-marbat f' Wied iz-Zurrieq. Bl-ispejjez.

"Illi b'sentenza tat-30 ta' April 1999 il-Qorti Civili cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez, u b'sentenza tal-5 ta' Gunju 2001 il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza appellata, bl-ispejjez. Ghalhekk, l-esponenti ezawrixxew ir-rimedji ordinarji u issa qeghdin jipprezentaw dan ir-rikors kostituzzjonali dwar il-lanjanza taghhom sabiex jinghatalhom ir-rimedju misthoqq.

"Illi meta l-esponenti adixxew lill-Qorti Civili Prim Awla u sussegwentement lill-Qorti ta' l-Appell biex jiksbu rimedju

xieraq, l-ebda rimedju ma nghatalhom u ghalhekk huma gew imcahhda mid-dritt ghal rimedju effettiv (artikolu 13 ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319) ghall-ksur tad-drittijiet taghhom. Barra minn hekk, kemm il-Qorti Civili Prim Awla kif ukoll il-Qorti ta’ l-Appell iddecidew b’mod inkonsistenti mas-sentenza fuq riferita moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fil-21 ta’ Marzu 1970 <u>li kienet ghaddiet in gudikat</u> u li ghalhekk kienet torbot lill-partijiet f’dik il-kawza u lis-successuri taghhom.

“Illi l-Awtorita` intimata qieghda tinsisti li l-esponenti inehhi d-dghajsa u kull irbit minn fuq l-imsemmi irmigg u bdiet tiehu azzjoni kontra tieghu.

“Illi r-ragunijiet ghal dan ir-rikors kostituzzjonali huma s-segwenti:

(1) “Li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ghat-tgawdija tal-propjeta`;
(2) “Li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq;
(3) “Li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal rimedju effettiv;
(4) “Li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal harsien minn diskriminazzjoni.

“Illi, fl-ewwel lok, l-agir ta’ l-Awtorita` intimata jilledi d-dritt ta’ l-esponent ghat-**tgawdija tal-propjeta`** tieghu ghaliex ladarba l-uzu ta’ l-imrabat f’ Wied iz-Zurrieq huwa regolat bid-dritt akkwisit, jigifieri d-dritt li persuna tuza’ l-irmigg skond id-drittijiet successorji, l-esponent ma setax jigi mcahhad mid-dritt tieghu li jkompli juza’ l-irmigg in kwistjoni kif ghamel dejjem. L-Awtorita` intimata ma setghetx tipprivah minn dan id-dritt minghajr il-kunsens tieghu. Ghalhekk, l-Awtorita` intimata ma mxietx fil-parametri tal-ligi ghaliex ma rrispettatx id-drittijiet tar-rikorrent. Ma setghetx l-Awtorita` Marittima tikkunsidra t-talba ta’ Saviour Bellizzi dwar permess esklussiv lilu *in vacuo* minghajr ma tikkunsidra r-realta` tal-fatti illi Joseph Bellizzi kellu drittijiet daqs Saviour Bellizzi ghall-istess irmigg. Dawn id-drittijiet taz-zewg kontendenti wara kollox kellhom <u>l-istess origini</u>, u cioe` t-titolu li kellu n-nannu

taghhom u li l-awturi taghhom kienu ntrabtu li jaqsmu (*sharing*) bejniethom.

“Fil-kaz odjern, l-Awtorita` intimata –

- “Mhux biss ma kisbitx il-kunsens ta’ l-esponent,
- “Izda lanqas biss infurmatu qabel ma harget permess esklussiv lil haddiehor u
- “Ghalhekk lanqas biss semghet x’kellu x’jghid qabel ma pprivatu mill-uzu li huwa kellu, sa mill-1981, ta’ l-imsemmi marbat;
- “Minghajr l-ezistenza ta’ ligi li espressament tipprovdi ghal dak it-tehid ta’ proprjeta`;
- “Minghajr il-hlas ta’ kumpens xieraq.

“Mhuwiex minnu li meta dahal fis-sehh l-Att dwar l-Awtorita` Marittima ta’ Malta “*dak kollu li kien fis-sehh qabel spicca”* (kif intqal f’pagna 22 tas-sentenza msemmija tal-5 ta’ Gunju 2001) u cioe` d-drittijiet ta’ eredita` ta’ permessi ghal imrabat.

“Illi dan l-agir ta’ l-Awtorita` intimata jikkostitwixxi vjolazzjoni cara ta’ l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ta’ l-aritkolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll inkorporat fl-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 dwar it-tgawdija tal-propjeta`.

“Illi l-Awtorita` Marittima ta’ Malta kellha l-obbligu, biex ukoll tkun tidher li qdiet sewwa l-funzjoni fdata lilha mil-ligi, li taghti lill-esponent, bhala ko-proprjetarju ta’ l-irmigg in kwistjoni, opportunita` xierqa biex jaghti l-osservazzjonijiet tieghu. Din hija l-volonta` prezunta tal-Parlament meta kkonferixxa certi poteri lill-Awtorita` Marittima ta’ Malta, jigifieri, li almenu jisma’ lill-parti milquta u jaghtiha opportunita` ragonevoli u xierqa biex issemma’ lehinha, aktar u aktar fi kwistjoni fejn kien mehtieg il-kunsens tal-parti milquta. Niftakru li l-Awtorita` intimata, meta giet biex tohrog permess ghal marbat lill-intimat Saviour Bellizzi, ma kinetx qed tiddisponi minn marbat kwalsiasi, izda minn marbat li r-rikorrenti huwa ko-proprejtarju tieghu u li jaghmel uzu regolari minnu.

"Illi bhala ko-proprejtarju ta' dak il-marbat, l-esponent ma setax jinqabez fil-process maghmul mill-Awtorita` intimata, u wisq inqas seta' l-esponent jispicca mitfugh 'il barra minn hwejgu u mcahhad mid-drittjiet tieghu fuq dik il-proprjeta`. L-Awtorita` intimata kienet generuza ma' Saviour Belllizzi bi hwejjeg haddiehor.

"Illi fi stat demokratiku, kollox ghandu jsir *according to law* biex jibqa' pajjiz demokratiku, u huwa vitali li dan il-principju ta' gustizzja naturali, cioe` *audi alteram partem*, jibqa' kostentement rispettat. Fil-kaz prezenti, ir-rikorrent Joseph Bellizzi ma kellu l-ebda hjiel li l-Awtorita` intimata kienet sejra tiddisponi mill-irmigg li hu ko-proprjetarju tieghu u tipprivah minn hwejgu. L-Awtorita` ghalhekk ma tatx opportunita` xierqa lill-esponent li jaghmel l-osservazzjonijiet tieghu fi kwistjoni fejn verament kien mehtieg il-kunsens tieghu.

"Illi *stante* li l-process maghmul mill-Awtorita` kien jammonta ghal "aggudikazzjoni", cioe` d-determinazzjoni tad-drittijiet civili u obbligi tar-rikorrent, l-Awtorita` intimata naqset li taghtih **smigh xieraq** kif kien l-obbligu taghha li taghmel, u dan bi ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. L-Awtorita` intimata tqeghdet mill-Parlament f'pozizzjoni ta' "*quasi-judicial discretion*", cioe` li trid, qabel ma tuza' d-diskrezzjoni taghha, tagixxi qisha Qorti u b'hekk taghti lill-persuni li sejrin jigu milquta u li jkunu interessati fil-*vito* tal-kwistjoni opportunita` xierqa li jsemmghu lehinhom.

"Illi l-agir ta' l-Awtorita` intimata gie *rez* ferm aktar serju peress illi filwaqt li r-rikorrent Joseph Bellizzi huwa barklor *full time*, l-intimat Saviour Bellizzi huwa barklor *part time* u ghalhekk l-ghixien tieghu ma jiddipendix minn hekk.

"Illi, barra minn hekk meta l-esponenti adixxew lill-Qorti Civili Prim' Awla u sussegwentement lill-Qorti ta' l-Appell biex jiksbu rimedju xieraq, l-ebda rimedju ma nghatalhom u ghalhekk huma gew imcahhda mid-dritt ghal **rimedju effettiv** (artikolu 13 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319) ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom.

"Illi fil-motivazzjoni tas-sentenza (pagna 20-21) insibu illi;

*"Kien fis-setgha u fid-diskrezzjoni ta' l-istess li kull persuna li xtaqet tkompli tgawdi dawk id-drittijiet li seta' kellha tramite d-Dipartiment ta' l-Artijiet, riedet tappika mill-gdid entro terminu ta' zmien. Jirrizulta li filwaqt li l-intervenut fil-kawza Saviour Bellizzi applika skond dan ir-regolament jew ordni, l-attur m' applikax tempestivament".*

"Izda, ghalkemm f'dan il-bran jinghad illi r-regolament kien jimponi terminu ta' zmien biex wiehed japplika, dan l-Avviz Legali ma ntwera qatt, u la talbet li tarah il-Qorti Civili Prim' Awla u lanqas l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell. Is-sentenza ma setghetx tinghata minghajr konsiderazzjoni ta' dan ir-regolament, jekk tassew kien jezisti.

"Illi fl-istess sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell intqal (pagna 21):

*"Issa billi skond policy tal-Awtorita` Marittima, hija ma tohrogx aktar minn permess wiehed ghal kull marbat, allura lil Joseph Bellizzi, l-appellant, ma hargitlux ukoll permess meta huwa ghazel li japplika wara li kien ghaddielu t-terminu mpost mill-Awtoritajiet. .... Minbarra dan, f' kull kaz jidher li l-permess xorta jinhareg lil persuna wahda".*

"Illi l-Awtorita` fil-kazijiet li gejjin qieghda tippermetti li fuq marbat wiehed jorbtu zewg frejgatini: Pietru u Karmnu Farrugia (kugini), Charlie u Rokku Cutajar (ahwa), Possidio u Joseph Sciberras (ahwa), Caruana (tat-Timmy), D' Amato (Censu ta' Xandru), D'Amato (maghrufin Soder u Sapuna). Fil-kaz ta' l-ahhar D' Amato, l-Awtorita` fejn riedet fil-kwistjoni ta' l-eredita` u geghlet lil Indri D' Amato jiddikjara li m' ghandux x' jaqsam mal-marbat.

"Illi apparti dan kollu, l-esponenti sofrew lezjoni tad-**dritt ghall-harsien minn diskriminazzjoni** in kwantu meta dahal fis-sehh l-Att XXVII tal-1991 dwar l-Awtorita` Marittima ta' Malta, hadd mill-barklori li hemm f' Wied iz-

Zurrieq ma applika ghal permess, izda huma – bl-eccezzjoni ta' l-esponent Joseph Bellizzi – thallew ikomplu jgawdu d-drittijiet li kellhom u mhux minnu li l-arrangamenti kollha pre-ezistenti, bbazati kif kienu fuq drittijiet ta' eredita`, gew fix-xejn. Dan intqal fil-kaz tar-rikorrent biss, filwaqt li l-barklori l-ohra – bl-eccezzjoni ta' l-intimati Salvatore Bellizzi u xi kazi singoli ohra – komplew jaghmlu uzu mill-irmigg li kienu wirtu minghand missirijiethom minghajr ebda tfixkil u minghajr ma nhargilhom permess, la fl-1991 u lanqas wara, u baqghu hekk sallum il-gurnata. Fil-kaz taghhom, ma sofrew ebda pregudizzju. Ghalhekk, l-agir ta' l-Awtorita` intimata jikkostitwixxi wkoll trattament diskriminatorju u jilledi l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikolu 14 ta' l-Ewwel  Skeda tal-Kapitolu 319.

"Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji, taghmel dawk l-ordnijiet u tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex id-drittijiet fondamentali taghhom jigu protetti u dan sabiex jigu mharsa d-drittijiet ta' l-esponenti garantiti  bl-artikoli 37, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikoli 6, 13 u 14 u bl-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll li jinsabu fl-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, (a) billi jigi dikjarat illi l-permess mahrug mill-Awtorita` Marittima lill-intimat Saviour Bellizzi nhareg abbuzivament u illegalment ghaliex jilledi d-drittijiet tar-rikorrenti u ghalhekk huwa null, invalidu u bla effett, u *inoltre* (b) billi jigi dikjarat illi s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Gunju 2001, li kkonfermat is-sentenza moghtija tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, tivvjola d-drittijiet fondamentali fuq imsemmija ta' l- esponenti. Bl-ispejjez."

Rat ir-risposta tal-intimat Salvatore Bellizzi (fol. 12) li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. It-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati bhala fatt u fil-ligi u ma kien hemm l-ebda ksur ta' drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, u konsegwentement it-talbiet taghhom ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghhom ghar-ragunijiet segwenti.

“2. Ir-rikorrenti mhux veru ghandhom jew kellhom xi dritt ta' proprjeta` jew ko-proprjeta` fuq il-marbat licenzjat lill-esponent, in kwantu l-irmigg fil-blat ma' xatt il-bahar huwa demanjali u ghalhekk inaljenabbli u *extra commercium*. F’kull kaz anke bhala fatt, il-marbat in kwistjoni kien orginarjament licenzjat mid-Dipartiment ta' l-Artijiet lil Mikiel Bellizzi, missier l-esponent u wara baqa' jithallas mill-esponent; anke l-habel tal-irmigg dejjem sar mill-esponent u huwa proprjeta` tieghu.

“3. Ladarba r-rikorrenti ma kellhomx id-dritt ta' proprjeta` pretiz minnhom fuq il-marbat in kwistjoni, u lanqas ma applikaw mal-Awtorita` Marittima fi zmien utili sabiex jigu kunsidrati ghall-licenzja ghall-uzu tieghu, ma kellhom ebda jedd li jinstemghu fid-determinazzjoni tal-applikazzjoni ta' l-esponent. F'kull kaz, ir-rikorrenti kellhom, u fil-fatt ezercitaw, id-dritt li jressqu l-ilment u l-pretensjonijiet taghhom quddiem il-Qrati ordinarji, u l-fatt li ma nghatawx ragun, ma jfissirx li ma nghatawx smigh xieraq.

“4. Bl-istess mod il-fatt li l-proceduri promossi mir-rikorrenti ma kellhomx ezitu favorevoli ghalihom, ma jimportax li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt fondamentali taghhom taht l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea. Id-dritt ghal rimedju effettiv huwa d-dritt li jressqu ilment (arguable claim) f’kaz ta' vjolazzjoni tad-drittijiet taht il-Konvenzjoni Ewropea, pero` ma jaghti ebda jedd ghal decizjoni favorevoli.

“5. Ma kien hemm ebda diskriminazzjoni kontra r-rikorrenti fil-hrug tal-permess tal-esponent billi kif ga nghad, kien l-esponent wahdu li applika biex jinghata permess ta' irmigg fuq il-marbat in kwistjoni, u l-policy tal-Awtorita` li ma jinghatawx aktar minn permess wiehed ghal kull marbat, hija applikabbli ghall-applikanti kollha.”

Rat ir-risposta tal-intimata Awtorita` Marittima ta’ Malta (fol. 13) li in forza taghha eccepiet:
“Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet illi l-Awtorita` Esponenti qieghda

fi kwalunkwe kaz tavvanza minghajr pregudizzju ghal xulxin.

“**A. Legittimu Kontradittur.**

“1. Preliminarjament illi l-Awtorita` esponenti m’hijiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment tar-rikorrenti li allegatament gew imcahhda mid-dritt taghhom ghal rimedju effettiv ghal l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom (artikolu 13 ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319), *stante* li dan l-ilment huwa bbazat fuq allegat nuqqas tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili u tal-Qorti tal-Appell li jaghtu lir-rikorrenti rimedju effettiv. L-Awtorita` esponenti mhix il-persuna legittima biex tirrispondi ghal allegazzjoni li drittijiet fondamentali gew vjolati fi proceduri quddiem il-Qorti. Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi huwa l-Istat, rapprezentat mill-Avukat Generali, li ghandu jwiegeb ghall-allegati nuqqasijiet fl-ghemil gudizzjarju u dan finalment sabiex tibqa' dejjem tigi mharsa l-indipendenza tal-gudikatura (ara **“Anthony Pace vs. Avukat Generali et”** Qorti Kostituzzjonali 2/11/2001; **“Edmond Mugliette vs. Registratur tal-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili”**, Prim Awla tal-Qorti Civili 12/06/2002).

“**B Ezawriment tar-rimedji ordinarji**

“2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti naqsu li jezawrixxu r-rimedji ordinarji. Fil-proceduri li huma ntavolaw quddiem il-Qrati huma talbu (i) dikjarazzjoni li r-rikorrent Joseph Bellizzi ghandu dritt jorbot il-frejgatina tat-turisti tieghu mal-marbat jew irmigg f’ Wied iz-Zurrieq (ii) dikjarazzjoni li Joseph Bellizzi huwa ntitolat li l-Awtorita` tohroglu l-permess sabiex huwa jorbot il-frejgatina tieghu mal-marbat jew irmigg f’ Wied iz-Zurrieq u (3) il-kundanna ta' l-Awtorita` sabiex tohroglu dan il-permess. Ghalhekk f’dawk il-proceduri, ir-rikorrenti ma attakkawx il-legalita` *o meno* tal-permess mahrug mill-Awtorita` lil Saviour Bellizzi, izda talbu biss li huma jinhargilhom permess ukoll ghall-istess marbat. Fil-fatt fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom f’dawk il-proceduri, l-atturi

qalu testwalment hekk: *"Sa mill-bidu nett tal-kawza, fil-premessi, l-attur irrikonoxxa d-dritt ta' l-intervenut li jorbot il-frejgatina tieghu wkoll u dan minkejja li l-intervenut huwa part-timer. L-attur qatt ma ried jiehu xejn minn ta' l-intervenut."* Fil-proceduri odjerni, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu ezattament l-oppost: huma qeghdin jitolbu d-dikjarazzjoni tan-nullita` tal-permess mahrug mill-Awtorita` lil Saviour Bellizzi, ghaliex qed jallegaw vjolazzjonijiet ta' drittijiet fundamentali.

“3. Il-pretiza tar-rikorrenti ghall-uzu tal-marbat u l-legalita` ta' l-ghoti tal-permess lil Saviour Bellizzi m'humiex u m'ghandhomx jigu meqjusa ekwipollenti. Jekk ir-rikorrenti kellu ripensament, u issa qed ihoss illi l-hrug tal-permess kien illegali, huwa kellu l-ewwel jezawrixxi r-rimedji li tipprovdilu l-ligi sabiex jattakka l-validita` tal-hrug tal-permess. Ghaldaqstant huwa opportun illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni (artikolu 46 (2) u taht l-Att XIV ta' l-1987 (artikolu 4 (2)).

“**C. In kwantu ghall-allegat ksur tad-dritt ta' proprjeta` taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni**

“4. Subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, dawn l-artikoli ma humiex applikabbli ghall-kaz odjern, u dan *inter alia* ghas-segwenti ragunijiet:

“5. Ir-rikorrenti qatt ma kellhom xi "proprjeta`" jew "possediment" fit-termini ta' dawn l-artikoli. Marbat jew irmigg li jigi prattikat fil-blat f’xatt il-bahar ma jistax jigi akkwsitat mic-cittadin privat bhala proprjeta` ghax il-blat fejn isiru l-hofor u t-toqob li maghhom jigu marbuta l-opri tal-bahar huma demenjali u bhala tali huma inaljenabbli u *extra commercium.*

“Fil-fatt qabel il-promulgazzjoni ta' l-Att XXVII ta' l-1991, kien mehtieg li jingieb il-permess tad-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex isir irbit ma' marbat, u dan il-permess kien wiehed fuq *encroachment.* Id-Dipartiment ta' l-Artijiet

qatt ma hareg xi *encroachment permit* favur ir-rikorrenti – li fi kwalunkwe kaz kien jistrieh u jiddependi mit-tolleranza ta' l-awtoritajiet – u *l-encroachment permit* li nhareg fuq il-marbat in kwistjoni kien favur Michael Bellizzi, cioe` missier l-intimat Saviour Bellizzi.

“6. Bil-promulgazzjoni ta' l-Att XXVII ta' l-1991 giet imwaqqfa l-Awtorita` intimata, li nghatat lilha esklussivament ir-responsabbilita li tohrog permessi rigward irmiggi. Wara li dahal fis-sehh dan l-Att, l-*encroachment permits* li kienu nhargu mid-Dipartiment ta' l-Artijiet in konnessjoni ma rmiggi gew terminati jew ma gewx imgedda mill-istess Dipartiment. Ghalhekk, anki jekk ghall-grazzja ta' l-argument biss, wiehed kellu jikkoncedi li sa qabel l-1991 ir-rikorrenti seta’ kellu xi pretensjoni ghal eredita’ tal-permess – ipotesi li l-Awtorita` tinnega – xorta jibqa' l-fatt li l-Att ta' l-1991 introduca regim gdid u dak kollu li allegatament seta' kien fis-sehh qabel spicca.

“7. L-Awtorita` ma harget l-ebda regolamenti ghall-hrug ta' permessi rigward irmiggi. Pero` l-ligi hija cara li l-permessi dwar l-irmiggi jistghu jinhargu biss mill-Awtorita`. Kull min ried seta' u ghadu jista' japplika, u l-applikazzjoni tieghu tigi kkunsidrata fuq il-meriti taghha *on a first come first served* basis. Ir-rikorrenti ghamel l-unika talba tieghu sabiex jinghata permess ghall-irmigg mall-marbat in kwistjoni f’Lulju ta' l-1995, u cioe` wara li l-intimat Saviour Bellizzi kien applika u l-Awtorita` kienet hargitlu *temporary mooring permit* ghall-marbat in kwistjoni. Pero` jibqa' dejjem il-fatt li l-irmiggi jistriehu u jiddependu fuq it-tolleranza ta' l-awtoritajiet civili – prezentement fuq it-tolleranza ta' l-Awtorita` intimata – u li l-istess Awtorita` ghandha kull dritt li tirrevedi jew tirrevoka dan l-istat ta' tolleranza kull meta fid-diskrezzjoni assoluta taghha jidhrilha xieraq. Konsegwentement, hadd qatt ma jista' jkollu xi dritt fuq irmigg jew marbat.

“8. Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, ma kien hemm l-ebda ksur tad-dritt ta' proprjeta` kif sancit mill-Kostituzzjoni u l-Ewwel Protokol tal-

Konvenzjoni Ewropea *stante* li meta harget il-permess temporanju lil Saviour Bellizzi, l-Awtorita` mxiet fil-limiti tal-poteri lilha moghtija mil-ligi, senjatament l-Att XXVII ta' l-1991, u kienet qieghda tezercita l-funzjonijiet taghha ta' regolatur tal-bahar territorjali fl-interess pubbliku u fl-interess generali.

"**D. Kwantu ghall-allegat ksur tad-dritt ghal smigh xieraq (Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea):**

"9. Dawn l-Artikoli ma humiex applikabbli ghall-kaz odjern, u dan *inter alia* ghas-segwenti ragunijiet:

"10. Il-pretensjoni tar-rikorrenti biex jorbot mal-marbat in kwistjoni m'hijiex "dritt civili" *ai termini* ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u dan ghar-ragunijiet fuq spjegati. *Inoltre*, fil-kaz odjern fil-kamp tad-dritt pubbliku, cioe` ir-regolamentazzjoni tal-bahar territorjali ta' Malta, u barra l-kamp tad-dritt privat, u konsegwentement dawn l-Artikoli ma humiex applikabbli ghall-kaz odjern, u qeghdin jigu nvokati skorrettament.

"11. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, l-Awtorita` esponenti m'hix tribunal imwaqqaf b'ligi, u konsegwentement dawn l-Artikoli m'humiex applikabbli.

"12. L-Awtorita` esponenti tirrileva illi skond il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma hemm ebda obbligu illi r-rekwiziti tas-smigh xieraq jigu soddisfatti wkoll fl-istadju amministrattiv diment illi l-ligi tkun tipprovdi mezz kif il-legalita` ta' l-agir fuq livell amministrattiv tigi sussegwentement ezaminata fl-aspetti rilevanti kollha taghha (*vide* decizjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet "Bryan vs. United Kingdom" 22 ta' Novembru 1995). Fil-kaz odjern, il-ligi Maltija tipprovdi l-mezzi kif il-legalita` ta' l-agir ta' l-Awtorita` intimata tista' sussegwentement tigi ezaminata fl-aspetti rilevanti kollha taghha mill-Qrati

ordinarji, u fil-fatt ir-rikorrenti ma ghamlu l-ebda lment f' dan is-sens.

"13. Subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

"**E. Rigward l-allegat ksur tad-dritt ta' rimedju effettiv ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.**

"14. L-Artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea nvokati mir-rikorrenti m'humiex applikabbli, u dan *inter alia* ghas-segwenti ragunijiet:

"15. Jigi rilevat illi l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ma ghandux ezistenza awtonoma, fis-sens li ma jiggarantix drittijiet u libertajiet indipendenti. Ghaldaqstant ma jistax jikkostitwixxi il-bazi ghal lanjanza separata, izda jrid sollevat in konnessjoni ma' xi wiehed mid-drittijiet u libertajiet protetti mill-Konvenzjoni. Fir-rikors taghhom, ir-rikorrenti m'humiex qieghdin jispecifikaw liema huma dawk id-drittijiet fundamentali li in konnessjoni maghhom huma qieghdin jinvokaw l-Artikolu 13, u ghalhekk biss din il-lanjanza hija nsostenibbli.

"16. Jekk ir-rikorrenti qeghdin jinvokaw l-Artikolu 13 fil-konfront tad-dritt ta' proprjeta` u d-dritt ghal smigh xieraq, din il-lanjanza hija wkoll infondata *stante* li kif diga` nghad il-pretensjoni tar-rikorrenti ma tinkwadrax ruhha fil-parametri tal-protezzjoni garantita fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol, u fi kwalunkwe kaz ma kien hemm l-ebda ksur ta' dawn l-Artikoli.

"17. *Inoltre*, dan l-ilment fuq l-artikolu 13 qieghed isir intempestivament, *stante* li dan l-Artikolu huwa applikabbli biss fil-kaz ta' nuqqas ta' rimedju effettiv minn awtorita` nazzjonali in konnessjoni ma' wiehed mid-drittijiet l-ohra protetti mill-Konvenzjoni. L-ewwel darba li r-rikorrenti ilmentaw minn ksur tad-

drittijiet fundamentali taghhom kien precizament bir-rikors promotur tal-proceduri odjerni. Ir-rikorrenti kellhom id-dritt u l-opportunita` kollha li jqanqlu l-kwistjoni tal-ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom fil-proceduri li huma, stess kienu istitwew quddiem il-qrati civili, sabiex din il-kwistjoni tigi deciza qabel jew flimkien mal-mertu. Pero` huma ghazlu li jibqghu siekta u jqajmu l-kwistjoni fi proceduri separati wara li l-qrati civili cahdu l-pretensjonijiet taghhom. Ghaldaqstant huwa ghal kollox illogiku u intempestiv, li r-rikorrenti jilmentaw f' dan l-istadju li ma kellhomx rimedju effettiv, meta din l-Onorabbli Qorti, u jekk ikun il-kaz l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali – cioe` l-qrati li skond il-Kapitolu 319 ghandhom gurisdizzjoni jiehdu konjizzjoni ta' allegati ksur tal-Konvenzjoni – lanqas ghadhom biss ikkunsidraw u ppronunzjaw rwiehom fuq il-kaz.

“18. Subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti donnhom mhux qed jifhmu li rimedju effettiv ma jfissirx necessarjament ezitu favorevoli. Il-qrati civili nvestigaw bir-reqqa kollha u bil-garanziji kollha ta' smigh xieraq, il-pretensjoni tar-rikorrenti li jinghata permess sabiex juza’ l-marbat in kwistjoni. Izda, huwa assurd li r-rikorrenti jippretendu li kellhom jinghataw rimedju meta l-qrati civili kkonkludew li l-pretensjoni taghhom kienet infondata u li l-Awtorita` esponenti kienet imxiet skond id-dettami tal-ligi.

“19. L-Awtorita` esponenti tirriserva li tressaq eccezzjonijiet ohra wara li r-rikorrenti jikkjarifikaw jekk ikun il-kaz l-Artikoli li in konnessjoni maghhom qeghdin jinvokaw l-Artikolu 13.

“**F. Kwantu ghall-allegat ksur tad-dritt ghal non-diskriminazzjoni (Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea)**

“20. L-Artikoli in kwistjoni m'humiex applikabbli ghall-kaz odjern, u dan *inter alia* ghas-segwenti ragunijiet:

“21. In kwantu r-rikorrenti qeghdin jallegaw ksur ta' l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, dan l-Artikolu huwa

inapplikabbli *stante* li r-rikorrenti mhux qed jallegaw tali diskriminazzjoni minhabba razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess.

"22. Rigward l-allegat ksur ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, dan l-Artikolu m'ghandux ezistenza awtonoma, fis-sens li ma jiggarantix drittijiet u libertajiet indipendenti. Ghaldaqstant ma jistax jikkostitwixxi il-bazi ghal lanjanza separata, izda jrid sollevat in konnessjoni ma' xi wiehed mid-drittijiet u libertajiet protetti mill-Konvenzjoni. Fir-rikors taghhom, ir-rikorrenti m'humiex qeghdin jispecifikaw liema huma dawk id-drittijiet fundamentali li konnessjoni maghhom qeghdin jinvokaw l-Artikolu 14, u ghalhekk biss din il-lanjanza hija nsostenibbli.

"23. Jekk ir-rikorrenti qeghdin jinvokaw l-Artikolu 14 fil-konfront tad-dritt ta' proprjeta` u d-dritt ghal smigh xieraq, din il-lanjanza hija wkoll insostenibbli *stante* li kif diga` nghad il-pretensjoni tar-rikorrenti ma tinkwadrax ruhha fil-parametri tal-protezzjoni garantita fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol.

"24. Subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, l-Awtorita` esponenti ma gabitx ruhha bl-ebda mod diskriminatorju. <u>Illi ilha l-prattika ghal hafna snin f'Wied iz-Zurrieq – sa minn qabel l-1991 - li l-balklor li jkollu l-permess jorbot ma' marbat jikkoncedi lil sid ta' dghajsa ohra – normalment membru tal-familja jew habib – li jorbot id-dghajsa tieghu quddiem dik tal-balklor li jipposjedi l-permess</u>. B'dan il-mod it-tern ikun jista' jaghmel uzu mill-istess marbat u jaccedi ghad-dghajsa tieghu billi jghaddi minn fuq id-dghajsa tal-balkolor licenzjat. L-Awtorita` mhijiex parti minn dan il-ftehim, billi l-Awtorita` ma ghandhiex gurisdizzjoni fuq arrangament privat. Min-naha l-ohra, l-Awtorita` ma toggezzjonax ghal tali arrangamenti u ma tindahalx sakemm iz-zewg partijiet jaqblu fuq dan l-arrangament ghall-irmigg.

"25. F'dan il-kaz, il-balklor licenzjat, Saviour Bellizzi, irrifjuta li jhalli lir-rikorrenti jkompli jorbot mal-marbat li gie licenzjat lilu. Ir-rikorrenti fethu kawza l-Qorti sabiex

jigi dikjarat li huma kellhom dritt jorbtu ma' l-istess marbat li mieghu gie licenzjat li jorbot Saviour Bellizzi. Il-Qrati ddecidew li r-rikorrenti ma kellhomx dritt jorbtu ma' dan il-marbat. L-Awtorita`, bhala l-entita` li ghandha d-dmir tirregola u tamministra l-bahar territorjali nkluz l-ordni f'Wied iz-Zurrieq talbet lir-rikorrenti jnehhu d-dghajsa u jaghmlu uzu mill-marbat in kwisjtoni. Dan certament ma jikkostitwixxix agir diskriminatorju.

"26. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat li b'digriet tat-30 ta' Mejju, 2003, (fol. 35) gie msejjah fil-kawza l-Avukat Generali;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali (fol. 44) li in forza taghha eccepixxa illi:
"Illi fl-ewwel lok, id-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta` ma giex *lez* u dan billi d-dritt li qed jippretendi li ghandu r-rikorrent, jekk kien jezisti, kien biss <u>dritt ta' uzu ta' proprjeta`</u> u kien ezercitabbli a bazi tat-tolleranza ta' l-Awtorita` ikkoncernata, li qabel kienet il-Kummissarju ta' l-Artijiet u issa saret l-Awtorita` Marittima. Ghalhekk ir-rikorrent bl-ebda mod ma seta' jippretendi xi jedd fuq l-irmigg in kwistjoni jekk ma jkunx jedd moghti mill-awtoritajiet.

"Apparti li mhuwiex dritt ghat-tgawdija ta' proprjeta`, id-'dritt' tar-rikorrent seta', minhabba n-natura prekarja tieghu, jigi alterat u anke abrogat mill-awtoritajiet governattivi, li huma il-veri pussessuri tal-jeddijiet kollha fuq l-irmiggi tal-Gzejjer Maltin. M'hu minnu xejn li l-uzu ta' l-irmiggi huwa determinat mid-dritt akkwizit. Ghalhekk ir-rikorrent m'ghandu ebda dritt jghid li kellu jithalla jkompli juza l-irmigg in kwistjoni 'ghax hekk dejjem ghamel'. Biex ikompli juza l-irmigg, ir-rikorrent ried japplika tempestivament ghand l-Awtorita` mahtura bil-ligi ghal dan il-ghan, u cioe` l-Awtorita` Marittima. Fi kwalunkwe kaz il-ligi relevanti (l-Att XVII ta' 1991) hija ligi promulgata regolarment u ghalhekk tipprevali fuq kwalunkwe konswetudni.

“Skond is-subinciz 1 (b) ta' l-Artikolu 6 ta' l-Att dwar l-Awtorita` Marittima ta' Malta (Kapitolu 352):-

“*Tkun il-funzjoni ta' l-Awtorita`:*

“*(b) bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' xi ligi ohra biex tezercita kontroll shih dwar il-bon-ordni fl-ibhra territorjali u interni ta' Malta, f'kull port, bahar li jkun qarba ta' kull port, u fuq il-mollijiet;"*

“Mill-artikolu suespost, jidher car li l-Awtorita` Marittima ma kellha bzonn ebda kunsens mir-rikorrent biex talloka l-irmigg. Lanqas ma kienet obbligata b'xi mod li tavzah qabel talloka l-irmigg lil xi hadd, u wisq inqas tisimghu. Ghalkemm dak li sar mill-Awtorita` Marittima sar skond il-ligi, ma kien hemm bzonn ta' ebda ligi li tissanzjona tehid ta' proprjeta`, ghar-raguni semplici li ma ttiehdet ebda proprjeta`. Dak li sehh sar fir-rigward ta' proprjeta` tal-Gvern! B'hekk ma jista' jkun hemm lok ghal ebda kumpens minhabba fit-tehid ta' proprjeta`!

“Fid-dawl ta' dan kollu, huwa sorprendenti li r-rikorrent jirreferi ghalih innifsu bhala ko-proprjetarju tal-marbat/irmigg in kwistjoni. Din ma tistax tkun hlief espressjoni tax-xewqa tar-rikorrent pjuttost milli espressjoni tar-realta' tas-sitwazzjoni. L-esponent ikollu josserva li precizament din it-tip ta' attitudni hija l-kawza ta' l-abbuzi kollha fuq proprjeta` tieghu li l-Gvern ikollu jiffaccja minn sena ghall-ohra, bil-konsegwenti spejjez (gudizzjarji u ohrajn).

Illi fil-verita` lanqas ma saret diskriminazzjoni kontra r-rikorrent. L-Awtorita` konvenuta ma wriet ebda diskriminazzjoni, izda anzi mxiet mar-regolamenti applikabbli ghall-kaz, meta din irrifjutat li tilqa' l-applikazzjoni tar-rikorrent. Fid-dawl tal-kontenut tar-regolamenti msemmija, tali rifjut kellu bazi soda, u cioe` li z-zmien moghti mill-Awtorita` ghat-tfigh ta' applikazzjonijiet ghall-irmiggi kien skada. Kif tajjeb spjegat is-sitwazzjoni l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell:

*"Kien fis-setgha u fid-diskrezzjoni ta' l-istess Awtorita`, kif vestita bl-Att 27/91, li tohrog regolament gdid fis-sens li kull persuna li xtaqet tkompli tgawdi dawk id-drittijiet li seta' kellha tramite d-Dipartiment ta' l-Artijiet, riedet tapplika mill-gdid entro certu limitu ta' zmien. Jirrizulta li filwaqt li ( ... ) Saviour Bellizzi applika skond dan ir-regolament jew ordni, l-attur m'applikax tempestivament. ( ... ) Issa billi skond policy ta' l-Awtorita` Marittima, hija ma tohrogx aktar minn permess wiehed ghal kull marbat, allura lil Joseph Bellizzi, l-appellant, ma hargitlux ukoll permess meta huwa ghazel li japplika wara li kien ghaddielu t-terminu impost mill-Awtoritajiet". (Decizjoni fl-appell fil-kawza fl-ismijiet 'Joseph u Marianne konjugi Bellizzi vs Awtorita` Marittima ta' Malta et' (Cit. Nru. 1269/95GV), deciza fil-5 ta' Gunju 2001 p. 20.)*

“**Ir-rikorrent ma garrab ebda vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq.**

“Mis-suespost ghandu jkun ampjament car li r-rikorrent ma kellu ebda *locus standi* fil-kwistjoni ta' l-allokazzjoni tal-marbat. Ghalkemm l-irbit ta' l-opra tieghu mal-marbat kien precedentement gie tollerat, huwa tilef kull cans li jibqa' jorbot hemmhekk meta naqas li jiehu azzjoni u japplika ghal dan il-ghan, haga li kuginuh konvenut ha hsieb li jaghmel. Ghalhekk, ir-rikorrent ma kien fadallu ebda *locus standi* quddiem l-Awtorita` Marittima u konsegwentement l-ghazla ta' l-Awtorita` li ma tismax l-osservazzjonijiet tieghu ma tistax titqies bhala vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq u tal-principji ta' gustizzja naturali. Hawnhekk ir-rwol ta' l-Awtorita` qatt ma seta' jassumi funzjoni kwazi-gudizzjarja, u dan ghax, kif gie suespost, bin-nuqqas ta' azzjoni tieghu r-rikorrent cahhad lilu nnifsu mil-*locus standi* quddiem l-Awtorita`.

“**Ir-rikorrent ma garrab ebda vjolazzjoni tad-dritt ghal rimedju effettiv.**

“Illi r-rikorrent ma garrab ebda vjolazzjoni tad-dritt ghal rimedju effettiv. Illi l-fatt li la l-Qorti ta' l-Ewwel Istanza u lanqas dik tat-Tieni Istanza ma qablu mat-tezi tar-rikorrent ma jfissirx li huwa gie mcahhad minn rimedju. Ir-rimedju

effettiv li tikkontempla l-ligi huwa dak ta' smigh quddiem il-forum adatt (f'dan il-kaz, il-Qorti Civili u l-Qorti ta' l-Appell). Il-ligi ma tezigix li kull persuna li tirrikorri ghar-rimedju offrut mill-Qrati taghna tinghata ragun. Kieku, kjarament, tikollassa s-sistema gudizzjarja taghna!

"*Inoltre*, lanqas ma hu minnu li l-Qrati li mar quddiemhom ir-rikorrent kienu marbutin bid-decizjoni li ghaliha jaghmel referenza li nghatat mill-Qorti ta' l-Appell fl-1970. Hawn Malta m'ghandniex id-duttrina tal-*judicial precedent* u ghalhekk ebda Qorti ma hi obbligata li ssegwi l-opinjoni ta' xi Qorti ohra fid-decizjonijiet li taghti.

"Illi wiehed ghandu jifhem li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kienet a konoxxenza ta' l-ezistenza tar-regolament li applikazzjonijiet ghal uzu ta' mrabat kellhom isiru *entro* certu terminu ta' zmien, u ghalhekk ma kellhiex ghalfejn titlob li jigi esibit. Mill-bqija difficilment wiehed jasal biex jaccetta l-insinwazzjoni ta' l-appellant li l-Qorti assumiet li jezisti r-regolament in kwistjoni bla ma vverifikat l-ezistenza tieghu, jew inkella li l-konvenuta Awtorita` Marittima ikkwotat regolament falz!

Illi jekk huwa minnu li l-Awtorita` Marittima gieli taghti lil aktar minn applikant legittimu wiehed id-dritt li jorbtu ma' l-istess marbat, dan il-fatt ghandha tispjegah l-istess Awtorita`. Izda wiehed ma jridx jinsa' l-fatt li, lanqas kieku l-Awtorita` setghet skond il-ligi thalli lir-rikorrent jorbot ma' l-istess marbat ta' kuginuh, dan ma baqax possibbli ghax ir-rikorrent applika tardivament.

"Fil-fatt, l-argument li l-Awtorita` halliet aktar minn persuna wahda juzaw irmigg mhuwiex xi wiehed gdid. Ir-rikorrent diga` qanqlu minghajr success quddiem il-Qrati precedenti, u difatti jikkwota mid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, li hawnhekk diga` saret referenza ghaliha, fejn tirreferi ghall-fatt li l-Awtorita` Marittima f'kull kaz dejjem tohrog permess lil persuna wahda. (rikors attrici, p.6 para 4) Izda, forsi *bi svista*, ir-rikorrent ihalli barra bicca mportanti mill-kwotazzjoni, fejn il-Qorti hasset li kellha tosserva illi *"L-appellant irrefera ghal xi eccezzjonijiet fejn setghu inhargu jew (gew) ikkonsidrati joint applications*

*jew joint holders imma ma jghidx ukoll jekk f'dawn il-kazi kienx hemm xi hadd li applika wara t-terminu impost"*. (Decizjoni fl-appell, p.20 linji 11-14).

"U barra minn hekk, wiehed irid jara jekk il-kazijiet imsemmija mir-rikorrent kienux identici ghal dak tar-rikorrent fejn jidhlu fatti, jew inkella kienux differenti u allura kienu jirrikjedu trattament differenti. Wiehed ma jridx jinsa li r-rikorrent u kuginuh kienu u mid-dehra ghadhom miggieldin, u ghalhekk anke kieku r-rikorrent applika fil-hin, il-marbat xorta wahda ma setax jigi allokat bejn aktar minn persuna wahda. Dan meta nafu li *"l-policy ta' l-Awtorita` minn dejjem kienet illi ma tohrogx aktar minn permess wiehed ... specjalment gewwa Wied iz-Zurrieq fejn l-ispazju huwa ristrett hafna bejn marbat u iehor."* (decizjoni fl-appell, p17, para 2).

"**Ir-rikorrent ma garrab ebda vjolazzjoni tad-dritt ghal harsien minn diskriminazzjoni.**

"Il-kaz tar-rikorrent jidher li huwa differenti minn dak ta' barklori ohrajn ghax kuginuh applika fil-hin sabiex juza l-marbat in kwistjoni, u b'hekk akkwista dan id-dritt. Il-fatt li l-barklori l-ohrajn taz-Zurrieq m'applikawx sabiex juzaw l-imrabat taghhom ma jfissirx li huma akkwistaw dan id-dritt. Anke huma qeghdin f'sitwazzjoni ta' illegalita' izda ghalissa l-Awtorita` Marittima ghadha ma agixxietx kontrihom, probabbilment ghax hemm sitwazzjonijiet aktar urgenti li jirrikjedu l-intervent taghha.

"Madanakollu, l-Awtorita` ma setghetx taghmel l-istess fir-rigward tar-rikorrent, ghax inkella kienet tkun qieghda tinkuraggih fil-ksur tal-ligi (cioe` li ma applikax fit-terminu rikjest), u min-naha l-ohra tippenalizza lil kuginuh li applika skond il-ligi. Huwa ghalhekk li r-rikorrent ma jistax jilmenta minn diskriminazzjoni fil-konfront tieghu, la taht l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u lanqas taht l-Artikolu 14 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319. Dan dejjem sakemm ma jippretendix li kellu jigi ekwiparat ma' kuginuh li, ghall-kuntrarju tieghu, ghazel li josserva d-dettami tal-ligi in konnessjoni mal-marbat li kien jintuza minnhom it-tnejn!

“Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez kontra r-rikorrent.”

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet “Bellizzi et v. Grioli et” (citazzjoni numru 1269/95) deciza mill-Qorti tal-Appell fiil-5 ta’ Gunju, 2001, il-process ta’ liema kawza gie allegat b’digriet tal-10 ta’ Dicembru, 2002 (fol. 23);

Rat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fis-6 ta’ Mejju, 2008, li in forza taghha ddisponiet mill-kawza fis-sens:
“... ... billi filwaqt li tichad ir-risposti ta’ l-intimati u tal-kjamat fil-kawza nkwantu l-istess huma b’xi mod mhux konformi ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ it-talbiet tar-rikorrenti biss** fis-sens hawn deciz b’dan li jinghad li ghar-ragunijiet hawn indikati hemm ksur tal-**artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta** u tal-**artikoli 1, 6 u 14 ta’ l-Ewwel Protokoll li jinsabu fl-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta** u konsegwentement (a) jigi dikjarat illi l-permess mahrug mill-Awtorita` Marittima ghall-uzu tal-marbat numru 15 f’Wied iz-Zurrieq inkwantu l-istess permess hareg sabiex jintuza esklussivament minn Saviour Bellizzi nhareg abbuzivament u llegalment u ghalhekk huwa null, invalidu u bla effett, u ghalhekk tordna r-revoka tal-istess permess, u dan ghaliex meta l-istess permess inhareg b’mod hekk esklussiv gie lez id-dritt ta’ uzu ta’ l-istess irmigg mir-rikorrenti Joseph Bellizzi u ghalhekk konsegwentement tordna li sabiex jigi rispettat id-dritt tar-rikorrenti Joseph Bellizzi ghall-uzu wkoll tal-istess marbat numru 15 f’Wied iz-Zurrieq, jinhareg mill-istess Awtorita` Marittima permess sabiex l-uzu ta’ istess marbat numru 15 f’Wied iz-Zurrieq mertu tal-kawza odjerna jinhareg kemm f’isem Saviour Bellizzi u kemm f’isem Joseph Bellizzi, b’dan li d-dritt ta’ uzu ta’ l-istess irmigg u kull *temporary mooring right* fuq l-istess irmigg tkun tista’ tigi utillizzata kemm mill-istess Saviour Bellizzi u kemm mir-rikorrenti Joseph Bellizzi u dan ghandu jsir fi zmien qasir u perentorju ta’ ghoxrin (20) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza u *inoltre* (b) billi jigi dikjarat illi s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-5 ta’ Gunju 2001, li kkonfermat is-sentenza moghtija tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, tivvjola d-drittijiet fondamentali fuq

imsemmija tar-rikorrenti, in kwantu d-dritt ta' uzu ta' l-istess rikorrenti Joseph Bellizzi ghall-istess irmigg ma giex rikonoxxut, b'dan ghalhekk li konforment ma' dak hawn deciz qed jigi ddikjarat li l-istess rikorrenti Joseph Bellizzi ghandu d-dritt jorbot il-frejagattina tieghu wkoll ma' l-indikat marbat u rmigg f'Wied iz-Zurrieq u tiddikjara u tordna li kif hawn deciz sabiex jinhareg permess fuq marbat numru 15 f'Wied iz-Zurrieq kemm f'isem Saviour Bellizzi u kemm f'isem Joseph Bellizzi b'dan li t-tnejn jkollhom u jkunu jistghu jezercitaw dritt ta' uzu ta' l-istess marbat u rmigg.

"Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati *in solidum* bejniethom."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

"Illi permezz ta' dan ir-rikors kostituzzjonali ir-rikorrent Joseph Bellizzi jilmenta li gew miksura fil-konfront tieghu diversi drittijiet fondamentali senjatament id-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta`; id-dritt ghal smigh xieraq; id-dritt ghal rimedju effettiv; u d-dritt ghal harsien minn diskriminazzjoni.

"Illi l-fatti li taw aditu ghal din il-pendenza huma li l-marbat numru 15 f'Wied iz-Zurrieq kien ilu f'idejn il-familja tal-kontendenti ghal snin twal u kien jintuza' minnhom u wara l-mewt ta' Francesco u Caterina Bellizzi  (in-nanniet tal-kontendenti Joseph u Salvatore Bellizzi) saret kawza proprju minn Mikiel Bellizzi (missier Salvatore) kontra hutu, nkluz Vincenzo Bellizzi (missier Joseph Bellizzi) sabiex jigu likwidati l-assi ereditarju tal-konjugi Bellizzi u b'sentenza datata 21 ta' Marzu 1970 fil-kawza fl-ismijiet **"Mikiel Bellizzi vs Vincenzo Bellizzi et"** (Cit Nru: 72/68) gie fost ohrajn deciz li jigi nkorporat fiha l-ftehim dwar l-istess marbat milhuq bejn il-partijiet fil-kawza, fosthom Vincenzo, missier ir-rikorrenti u Saviour Bellizzi missier l-intimat u dan fis-sens *"li l-marbat li hemm Wied iz-Zurrieq ghandu jibqa' in komuni bejn il-kontendenti; u jekk ma jkunx hemm post biex jintrabtu mieghu l-ingenji ta' lkoll,*

*ikunu jistghu jintrabtu l-ingenji ta' min jilhaq"* u transazzjoni dwar l-istess giet ukoll indikata bhala wahda dwar mobbli.

"Illi konsegwenti ghall-istess sentenza ma jirrizultax li kien hemm xi disgwid dwar l-istess ftehim u anzi konsegwenti ghall-istess ir-rikorrenti Joseph Bellizzi, bhala eredi ta' missieru, beda jorbot il-frejgatina tieghu numru S – 11217 mill-1981 minn meta beda jahdem *full time.* L-istess marbat kien jintuza wkoll minn Saviour Bellizzi minn 1975, ghaliex jghid kellu *encroachment permit* li kien mahrug fuq missieru Michael fl-10 ta' Gunju 1970 (Permit No. 33/70) sabiex juza l-istess marbat u peress li sadanittant miet Michael Bellizzi fit-2 ta' Awissu 1983, l-Kummissarju ta' l-Artijiet fis-6 ta' Novembru 1992 informa lil Saviour Bellizzi li l-Gvern kien qed jittermina dan l-*encroachment permit* b'effett mill-1 ta' Jannar 1986. Jidher bejn il-persuni li kienu juzaw l-istess marbat, inkluz allura l-kontendenti Bellizzi, l-arrangament kien li min jilhaq l-ewwel jorbot l-ewwel cjoe` pruwa l-art u min jilhaq wara jorbot wara. (Mario Schembri; Michael Caruana; Louis Zammit u Michael Bellizzi, kugin tal-kontendenti Bellizzi u iben Carmelo Bellizzi).

"Illi f'Marzu 1993 Salvatore Bellizzi kiteb lill-Kummissarju ta' l-Artijiet jekk setax ihallas l-ammont dovut in konnessjoni mal-*encroachment permit* peress li kien qed juza d-dghajsa minhabba li sostna li missieru kien ghaddieh fuqu qabel mewtu u f'Lulju 1994 kiteb lill-Awtorita` Marittima ta' Malta sabiex jistaqsi jekk jistax ihallas il-kera ghall-permess ta' *mooring* minhabba li kien qieghed juza d-dghajsa u l-*mooring*. F'Mejju 1995 rega' staqsa lill-Awtorita` Marittima jekk kienx hemm xi tibdil. Fil-21 ta' Gunju 1995 John De Martino ghall-Awtorita` Marittima nforma lil Salvatore Bellizzi li l-*encroachment permits* jinhargu mill-Kummissarju ta' l-Artijiet filwaqt li l-Awtorita` Marittima tohrog *temporary mooring permits,* u li huwa seta' japplika ghal wiehed u qallu wkoll li *"there would be no objection to issue such a permit if you apply for one"* (John Demartino – xhieda 9 ta' Gunju 1997).

"Illi ghalhekk fis-26 ta' Gunju 1995 Salvatore Bellizzi applika mal-Awtorita` Marittima ghall-hrug ta' permess

ghall-uzu ta’ l-istess marbat u fis-27 ta’ Gunju 1995 inhareg lilu dak li jissejjah bhala *temporary mooring permit.* Fis-27 ta’ Gunju 1995 applika ghand il-Kummissarju tal-Artijiet ghall-permess biex juza *“the mooring ring at Wied iz-Zurrieq”,* u fit-22 ta’ Awissu 1999 gie nformat li permessi ghall-“*mooring ring”* jinhargu mill-Maritime Authority. Fit-18 ta’ Lulju 1995 Joseph Bellizzi wkoll applika ghall-uzu tal-istess marbat fit-18 ta’ Lulju 1995 biex jorbot fuq l-istess irmigg, izda l-Awtorita` Marittima rrifjutat l-applikazzjoni tieghu peress li l-post ta’ irmigg minnu ndikat kien gja nghata lill-Saviour Bellizzi u l-Awtorita` sostniet li fuq l-istess irmigg qatt ma jinhareg iktar minn permess wiehed.

“Illi Louis Zammit, President tal-Ghaqda Blue Grotto Boat Services kellu diskussjonijiet mal-Awtorita` Marittima biex kif qal hu min ghandu mrabat jigi rikonnoxxut mill-Awtorita` Marittima u ngabret minnu nformazzjoni dwar min ghandu dritt ghal hemm u ghadda l-istess lill-Awtorita`, li fin-1995 nizlu jkejlu biex jaghtu numru lill-imrabat izda waqaf kollox hemm (affidavit 23 ta’ Jannar 1997). Fil-fatt jghid li fil-waqt li l-parti kbira tal-barklori ma’ gewx rikonoxxuti, izda Salvatore Bellizzi gie rikonoxxut.

“Illi Joseph Bellizzi istitwixxa kawza kontra l-Awtorita` Marittima fl-ismijiet “**Joseph Bellizzi et vs Joseph Grioli noe”** (Cit Nru: 1269/95/GV) sabiex jigi ddikjarat li huwa kellu dritt jorbot mal-marbat inkwistjoni, u sabiex jigi ddikjarat li l-attur ghandu dritt li jinhariglu permess sabiex jorbot il-frejgatina tieghu mal-istess marbat u sabiex l-Awtorita` konvenuta tohrog l-istess permess ta’ uzu tal-marbat jew irmigg.

“Illi l-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet ta’ Joseph Bellizzi biex jinhariglu permess li jorbot il-frejgatina tat-turisti tieghu bin-numru ta’ Registrazzjoni S11217 mal-marbat in kwistjoni f’Wied iz-Zurrieq u dan peress li nghad li kienet l-Awtorita` Marittima li ghandha s-setgha bl-Att XVII tal-1991 li tohrog il-permessi ghall-irmiggi u hija ma hijiex marbuta minn xi drittijiet ta’ eredita’ ta’ permessi li allegatament jezistu fuq l-art pubblika; inghad li wara li ezaminat l-applikazzjoni ta’ Saviour Bellizzi nhareg il-

permess, izda l-applikazzjoni ta’ Joseph Bellizzi fuq l-istess marbat kien gja nhareg permess lil Saviour Bellizzi u nghad li kienet *policy* tal-Awtorita` li ma jaghtux l-istess marbat lil zewg persuni f’daqqa, ghalkemm inghad li ma giex eskluz li l-marbat jintuza minn zewg persuni jew aktar anke jekk il-permess jinhareg fuq persuna wahda, u ghalhekk ladarba l-Awtorita` mxiet skond il-ligi, l-Qorti ma kienitx ser tindahal kif ghandha u lil min taghti l-permess.

“Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell f’sentenza taghha datata 5 ta’ Gunju 2001 kkonfermat l-istess sentenza peress li sostniet li l-fatti kollha li ressaq Joseph Bellizzi dwar l-uzu tal-istess marbat kienu jirreferu ghall-posizzjoni antecedenti l-hrug u l-ghoti tal-permessi mill-Awtorita` Marittima u kull permess li qabel kien jezisti kien ghalhekk gie terminat u ghalhekk l-Awtorita` kellha s-setgha tohrog il-permessi mill-gdid, b’dan li kull minn ried izomm id-drittijiet tieghu kellu japplika mill-gdid *entro* certu limitu. Hekk sar minn Saviour Bellizzi, kontra dak li ghamel Joseph Bellizzi, li allura gie tenut li ma applikax fit-terminu mpost mill-ligi u la darba hija *policy* tal-Awtorita` li tohrog permess wiehed biss ghal kull marbat, l-Awtorita` agixxiet skond il-ligi sabiex l-applikazzjoni tal-istess attur tigi rifjutata ghaliex l-attur applika wara t-terminu mpost u ladarba l-Awtorita` mxiet mal-parametri tal-ligi mhux lecitu li l-Qorti tmur *oltre*. Inghad ukoll li l-istat ta’ uzu skond il-konswetudini tollerata appartament minn Gvern Civili u rikonoxxuta fis-sentenza *“Cutajar vs Cutajar* kienu jiddependu fuq it-tolleranza ta’ l-awtoritajiet u ghalhekk wiehed ma jistax jitkellem fuq xi dritt; inghad li tista’ tigi applikata *policy* gdida, izda l-attur naqas milli jipprevalixxi ruhu mir-regolamenti l-godda u tali nuqqas huwa attribwibbli lill-attur stess u ta’ hadd izjed.

“Illi f’dan il-kuntest ir-rikorrent isostni li dawn iz-zewg Qrati gew zvijati mix-xhieda moghtija mir-rapprezentant ta’ l-Awtorita` Marittima. Huwa sostna li jirrizulta li l-Qrati bbazaw ruhhom kemm ghal dawk li huma konsiderazzjonijiet kif ukoll ghal dawk li huma konkluzjonijiet fuq il-‘hrafa’ li kien hemm regolament jew ordni li Joseph Bellizzi ma applikax tempestivament u li Saviour Bellizzi applika *entro* t-terminu impost.

“Illi ghalhekk ir-rikorrent ipprezenta r-rikors odjern fejn talab li l-permess mahrug mill-Awtorita` Marittima lil Salvatore Bellizzi inhareg abbuzivament u llegalment ghaliex jilledi d-drittijiet tieghu u b’hekk ghandu jigi dikjarat null, invalidu u bla effett, u talab li jigi dikjarat li s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-5 ta’ Gunju 2001 tivvjola d-drittijiet fundamentali kif imsemmija minnu.

“Illi l-ewwel eccezzjoni li tqajmet mill-Awtorita` Marittima hija li l-istess rikorrenti ma ezawriex ir-rimedji ordinarji u dan peress li l-Awtorita` Marittima sostniet li bil-kawza civili li ghamel ir-rikorrenti Joseph Bellizzi kien talab li jinghata d-dritt li jorbot mal-marbat tal-frejgatina S11217 f’Wied iz-Zurrieq u li jinhariglu permess ghal dan l-iskop, filwaqt li fir-rikors odjern Joseph Bellizzi qed jattakka l-validita’ tal-permess mahrug lil Salvatore Bellizzi. B’hekk l-Awtorita` Marittima qed issostni li r-rikorrent ghad ghandu r-rimedju li jattakka l-validita’ tal-permess.

“Illi l-principji li jirregolaw l-eccezzjoni ta’ ezawriment ta’ rimedji huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza nostrali b’dan li inghad li:-

“(a) Meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, r-rikorrent ghandu jirrikorri ghal tali mezzi qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali;

“(b) Li d-diskrezzjoni li tuza l-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma’ kawza ta’ natura kostituzzjonali ghandha torbot, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta’ illegalita`, ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha;

“(c) M’hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-uzu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull kaz jehtieg jigi mistharreg fuq ic-cirkostanzi tieghu;

"(d) Fil-fatt in-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtaghha li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent ghall-ilment tieghu;

"(e) In-nuqqas ta' tehid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk seta' kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minhabba l-imgiba ta' haddiehor m'ghandux ikun raguni biex il-Qorti twarrab is-setghat taghha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent (P.A. (K) (VDG) **"Victor Bonavia vs. L-Awtorita` ta' l-Ippjanar et"** - 9 ta' Frar 2000);

"(f) L-ezercizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni taghha bla tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni (Q.K. **"Vella vs. Bannister et"** – 7 ta' Marzu 1994 - Kollez Vol. LXXXVIII.i.48) u (Q.K. **"Visual & Sound Communications Ltd v. Il-Kummissarju tal-Pulizija"** – 12 ta' Dicembru 2002);

"(g) Meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent se jwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti Kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza' s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali (P. A. (K) **"Maria Gaffarena v. Kummissarju tal-Pulizija"** – 29 ta' Marzu 1993); (Q.K**. "David Axiaq v. Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku"** – 15 ta' April 2004).

"(h) Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni ghandha dejjem tigi uzata fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u tohloq bilanc biex, mill-banda l-wahda, twaqqaf lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali, u mill-banda l-ohra zzomm milli jigi mahluq xkiel bla bzonn lil min genwinament ifittex rimedju kostituzzjonali (Q.K.

**"Mediterranean Film Studios Limited v. Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et"** – 31 ta' Ottubru 2003).

"Illi ghalhekk dan il-*proviso* mhux xi wiehed li jista' jittiehed b'mod laxk jew kapriccuz u zgur li mhux intiz biex il-Qorti tahrab mir-responsabbilta' li tiehu konjizzjoni ta' lamentela kostituzzjonali dwar allegat ksur ta' dritt fundamentali izda tfisser biss li l-Qorti ghandha l-obbligu li f'certu cirkostanzi tirrifjuta li tezercita' s-setghat taghha f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra, ghaliex altrimenti tkun qeghda tagixxi ta' Qorti tat-tielet istanza – haga li tmur kontra l-ligi b'dan ghalhekk li ilment ta' natura kostituzzjoni ghandu jsir biss wara li r-rimedji ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli. Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, l-Qorti m'ghandhiex tikkunsidra li tezercita l-gurisdizzjoni sakemm ma jirrizultax li dak il-possibli rimedju ma kienx pero' se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent. **"Anton Scicluna pro et noe vs Prim Ministru"** (PA – 21 ta' April 1995)

"Illi mill-atti processwali rrizulta li fil-kawza civili li giet prezentata minn Joseph Bellizzi fl-1995 it-talbiet tieghu kienu ghal dikjarazzjoni li huwa kellu dritt jorbot il-frejgatina tat-turisti tieghu mal-marbat jew irmigg f'Wied iz-Zurrieq; kif ukoll dikjarazzjoni li l-attur kien intitolat li jinhariglu l-permess mill-Awtorita` Marittima sabiex jorbot il-frejgatina mal-irmigg; u talab li l-Qorti tikkundanna lill-Awtorita` Marittima sabiex tohrog lilu dan il-permess.

"Illi dawn it-talbiet gew michuda mill-Qorti kemm tal-ewwel istanza u kemm tat-tieni istanza u l-bazi ta' l-azzjoni hekk esperita kienet li huwa kellu dritt ta' uzu ta' l-istess irmigg mertu tal-kawza odjerna, li huwa kien wiret naxxenti wkoll mis-sentenza fl-ismijiet **"Cutajar et vs Cutajar"** (27 ta' Frar 1960), u li dan id-dritt ma giex rikonoxxut bhala tali mill-Awtorita` Marittima, u jidher li l-istess Qorti ezaminat il-kaz fuq il-bazi ta' stharrig ta' eghmil amministrattiv tant li qalet li kull dritt li setgha kien hemm fuq l-istess marbat anke dak naxxenti mis-sentenza tal-21 ta' Marzu 1970 kien spicca bil-promulgazzjoni tal-Att XVII tal-1991 li holoq

l-Awtorita` Marittima li skond hija ma kenitx marbuta minn <u>xi drittijiet ta' eredita' ta' permessi li allegatament kienu jezistu fuq proprjeta` pubblika,</u> u peress li l-permess kien gja moghti minnha lil Saviour Bellizzi, allura meta applika Joseph Bellizzi, l-applikazzjoni tieghu giet rifjutata ghaliex hija *policy* tal-Awtorita` li fuq marbat wiehed jinhareg biss permess wiehed, u ghalhekk ladarba l-Awtorita` mxiet skond il-ligi, l-Qorti kellha tieqaf hemm.

"Illi fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Appell inghad li d-dritt vantat minn Joseph Bellizzi kien antecedenti ghall-Att XXVII tal-1991 u bil-promulgazzjoni ta' l-istess Att kull permess jew koncessjoni dwar l-istess irmiggi giet terminata u b'hekk kien jaqa' taht il-poter ta' l-istess Awtorita` sabiex tirregola l-istess drittijiet b'dan li persuna li riedet izzomm tali dritt kellha tapplika mill-gdid *entro* certu limitu ta' zmien, u dan sar minn Saviour Bellizzi u ma sarx minn Joseph Bellizzi; dan apparti li ladarba nhareg permess fuq Saviour Bellizzi ma setghax johrog permess fuq l-istess marbat lil Joseph Bellizzi ghaliex kienet *policy* tal-Awtorita` li fuq l-istess marbat jkun hemm permess wiehed fuq persuna wahda; kkonfermar li bl-Att XXVII tal-1991 kull dritt li kien hemm fuq l-istess marbat kien spicca; u qalet li d-dritt ta' uzu ta' rmigg huwa konswetudni tollerata apertament mill-Gvern Civili u la darba dak l-istat ta' tolleranza jitnehha ghax ikun inbidel, allura ma hemm l-ebda pretensjoni ta' dritt u dan anke bl-implimentazzjoni ta' *policy* gdida li f'dan il-kaz kien jinhtieg li kull minn ghandu pretiza ta' xi dritt japplika mill-gdid skond ir-regolamenti l-godda, haga li gie ritenut li Joseph Bellizzi ma ghamilx ghaliex ma applikax fit-terminu moghti.

"Illi din il-Qorti thoss li minn dan jirrizulta li l-istess Joseph Bellizzi uza kull rimedju lilu disponibbli u dan peress li adixxa kemm lill-Awtorita` Marittima u kemm lill-Qrati sabiex jaserixxi kemm id-dritt minnu pretiz u kemm sabiex jinghata rimedju ghall-istess dritt u dan konsistenti li huwa jinghata permess sabiex jorbot mal-istess marbat li huwa jippretendi li ghandu dritt fuqu, u ghalhekk din il-Qorti thoss li b'hekk l-istess rikorrenti ezawrixxa r-rimedji tieghu ordinarji.

“Illi fil-fatt ma hemm ebda dubju li huwa agixxa lill-istess Qorti sabiex l-allegat dritt minnu vantat ta’ l-uzu ta’ l-istess irmigg jigi rikonoxxut mill-Awtorijiet komptenti, b’dan li kieku intlaqghet l-istess talba din certament kienet taffetwa l-permess esklussiv li nhareg fuq l-istess marbat favur l-intimat Saviour Bellizzi, u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

“Illi fil-mertu r-rikorrent isostni li d-dritt li barklor *full-time* bhalu li jorbot id-dghajsa tieghu fil-hidma ta’ kuljum mal-marbat li mieghu ilu jorbot mill-1981, huwa dritt ibbazat fuq id-dottrina dwar dritt akkwizit, cioe` d-dritt li persuna tuza’ l-irmigg skond id-drittijiet successorji. Huwa qed jibbaza tali pretensjoni fuq il-ftehim riprodott fis-sentenza **“Mikiel Bellizzi vs Vincenzo Bellizzi et”** (1970) li kien jipprovdi *‘li l-marbat li hemm Wied iz-Zurrieq ghandu jibqa’ in komuni bejn il-kontendenti’*. F’dan il-kuntest isostni li d-drittijiet taz-zewg kontendenti kellhom l-istess origini, cioe` t-titolu li kellu n-nannu taghhom u li l-awturi taghhom kienu ntrabtu li jaqsmu bejniethom.

“Illi r-rikorrent jallega wkoll li l-Awtorita` intimata mhux biss ma kisbitx il-kunsens tieghu, izda lanqas biss infurmatu qabel ma harget permess eskluziv lil haddiehor. Kwindi lanqas biss semghet x’kellu x’ighid qabel ma pprivatu mill-uzu li huwa kellu, sa mill-1981, ta’ l-imsemmi marbat. Sar kollox minghajr l-ezistenza ta’ ligi li espressament tipprovdi ghal dak it-tehid ta’ proprjeta` u minghajr hlas ta’ kumpens xieraq. Huwa sostna li mhux minnu li meta dahal fis-sehh qabel spicca u cioe` d-drittijiet ta’ eredita’ ta’ permessi ghal imrabat. Skond ir-rikorrent, l-Awtorita` kellha l-obbligi li bhala ko-proprjetarju ta’ l-irmigg in kwistjoni, huwa kellu jinghata opportunita` xierqa biex jaghti l-osservazzjonijiet tieghu, specjalment *in vista* tal-fatt li huwa barklor *full-time* filwaqt li Salvatore Bellizzi huwa barklor *part-time.*

“Illi ghar-rigward ta’ l-artikoli nvokati mir-rikorrent l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** dawn jipprovdu rispettivawent is-segwenti:-

"Illi l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jipprovdi li:-

*"(1) Ebda proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b'mod obbligatorja, hlief meta hemm disposizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist –*

*"(a.) ghall-hlas ta' kumpens xieraq;"*

"Illi l-**artikolu 1 ta' l-ewwel Protokoll** jiddisponi :-

*"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.*

*Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta` skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni".*

"Illi fil-kaz **"Sporrong and Lonnroth v Sweden"** (1982) il-Qorti Ewropea qalet hekk :-

*"….this provision comprises three distinct rules. The first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the same paragraph, covers deprivations of possession and makes it subject to certain conditions; and the third rule, stated in the second paragraph, recognizes that contracting states are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not 'distinct' in the sense of being unconnected with particular instances of interferences with the right to*

*peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule…." (A 52 para 61).*

"Illi ghalhekk dan l-artikolu jipprotegi d-dritt tac-cittadin ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu izda dan id-dritt, kif jidher mill-kuntest tal-istess artikolu, ma huwiex wiehed assolut billi huwa dejjem suggett ghall-*overriding public interest entro* il-limiti dettati minn socjeta' demokratika. Infatti t-tehid forzuz ta' proprjeta` jew kwalsiasi possediment iehor mill-istat huwa permess jekk dan jkun fl-interess pubbliku u tali tehid ma jkunx in kontravenzjoni tal-artikolu kemm-il darba tali tehid jsir in forza ta' ligi tal-pajjiz u l-parti interessata ma tigix pregudikata billi kull dritt ghal kumpens dovut jigi salvagwardat bid-dritt, lic-cittadin, li jirrikorri lill-qrati ordinarji jekk ikun il-kaz.

"Illi stabbiliti dawn il-principji jehtieg li din il-Qorti tara fl-ewwel lok jekk il-kelma 'possedimenti' tikkomprendix jedd ta' irmigg li fuqu tintrabat dghajsa jew ukoll l-jedd ghall-uzu ta' l-istess.

"Illi din il-Qorti thoss li skond is-sentenza **"Giuseppe Cutajar et vs Giuseppe Cutajar et"** (P.A. – 27 ta' Frar 1960) li ghalkemm ma hemmx dritt ta' proprjeta` ta' irmigg *ut sic* meta dan qed jittratta fuq beni ta' demanju pubbliku bhal xatt il-bahar, insenaturi u spjeggi pero' jirrizulta li skond il-konswetudini l-ligi tirrikonoxxi l-akkwist ta' uzu ta' l-istess irmigg, u dan johrog minn *"l-uzu notorju prevalenti fil-kuntrada msemmija bejn is-sajjieda* (li kienet Wied iz-Zurrieq) *li min jaghmel uzu ta' irmigg, dak l-istess marbat, jibqa' ghalih, a meno che ma jabbandunahx u li dan l-uzu ghandu jigi prottet"* u fid-dawl ta' dan thoss li f'dan il-kaz ma hemm ebda dubju li dan fih innifsu huwa possediment li jikkwalika bhala dritt civili li ghandu jigi prottet dan l-artikolu.

"Illi dan id-dritt ta' uzu tal-marbat mertu tal-kawza odjerna gie wkoll ikkonfermat li jezisti skond is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Mikiel Bellizzi vs Vincenzo Bellizzi et"** (1970) li kienet tipprovdi li wara ftehim bejn il-partijiet fl-

istess kawza gie maqbul *'li l-marbat li hemm Wied iz-Zurrieq ghandu jibqa' in komuni bejn il-kontendenti'* u fil-fatt fl-istess sentenza tali dritt gie deskritt bhala ftehim dwar mobbli appartenenti lil kontendenti f'dik il-kawza, li kienu jinkludu missier ir-rikorrenti u missier l-intimat Saviour Bellizzi.

"Illi apparti dan fis-sentenza **"Carmelo Camilleri vs Carmelo D'Amato"** (P.A. (FD) – 15 ta' Ottubru 1997) gie rikonuxxut li l-uzu u l-pussess ta' marbat f'Wied iz-Zurrieq huwa suggett ghall-protezzjoni tal-Qorti, u mhux biss izda li hemm uzanza li l-uzu tal-marbat jintiret mill-missier ghall-iben. B'hekk din il-Qorti thoss li f'dan l-istess post hemm rikonoxximent ta' dritt ta' uzu ta' irmigg jew tgawdija ta' dak l-uzu b'dan li l-irmigg jibqa' ta' min juzah sakemm ma jigix abbandunat u dan l-uzu tant kien diffuz li fil-prattika stabbilixxa konswetudini tollerata mill-Gvern, u proprju din it-tolleranza ghal dan iz-zmien kollu, tat dritt lill-utent ta' l-istess ghall-uzu ta' l-istess irmigg li ma jistax u ma ghandux jigi njorat kapriccosament u f'dan is-sens din il-Qorti thoss li l-gurisprudenza stess tat rikonoxximent ghall-tali dritt mhux lanqas bis-sentenza taghha **"Giuseppe Cutajar et vs Giuseppe Cutajar"** (Vol. XLIV.ii.524) u dan ukoll jikkonferma s-sentenzi dwar l-istess fuq citata, li rrikonoxxew tali dritt ta' uzu ta' marbat kemm bejn partijiet u kif ukoll mill-Awtoritajiet kompetenti, jkunu min ikunu. Fil-fatt il-konswetudini hija fonti ta' dritt u dan meta jkun hemm provi li juru l-applikazzjoni konstanti u dijuturn ta' l-istess u dan certament li jimplika li l-Awtorijiet ippermettew l-uzu u r-regolamentazzjoni ta' l-istess bhala fatt u f'dan is-sens huwa u ghandu jigi koncepit it-terminu "tollerata minn Gvern" – allura mhux f'sens ta' prekarjeta' izda f'sens ta' nuqqas ta' opposizzjoni ghall-istess uzanza u dan partikolarment fejn bhal fil-kaz odjern ma kien hemm ebda ligi li tirregola l-istess. (**"William Scicluna et vs Paul Laferla"** (P.A. (WH) – 27 ta' Gunju 1959; **"Albert Mizzi nomine vs Anthony Camilleri nomine"** (P.A. (W.H) – 3 ta' Gunju 1961); **"Kurunell Edgar Vella noe vs Paul Mifsud"** P.A (WH) – 31 ta' Jannar 1953).

“Illi taht dan l-aspett din il-Qorti thoss li l-uzu ta’ l-istess marbat huwa possediment li huwa suggett ghall-protezzjoni taht id-disposizzjoni tal-**artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea** u mill-provi prodotti jirrizulta li r-rikorrenti kien wiret dan id-dritt ta’ uzu tal-marbat mertu tal-kawza in kwistjoni minghand missieru, kif min-naha l-ohra l-intimat Saviour Bellizzi kien wiret l-istess dritt minghand missieru wkoll, b’dan li jirrizulta li z-zewg kontendenti kellhom d-dritt ta’ uzu ta’ l-istess marbat; dan id-dritt ta’ uzu ta’ irmigg  ma ghandu x’jaqsam xejn ma l-*enroachment permit* li kien inhareg favur missier l-intimat Saviour Bellizzi (anke tenut kont li mhux kontestat li fl-istess inhawi l-uzu ta’ irmiggi kollha huwa regolat anke sallum bl-istess konswetudini – dan anke ghaliex sallum ghadha ma nharegx l-ebda dritt ta’ uzu ta’ irmigg lil xi persuna ohra hlief lill-intimat Saviour Bellizzi). Fil-fatt l-uzu ta’ l-istess irmigg *da parte* ta’ Joseph u Saviour Bellizzi ma kienx johrog minn dan izda mid-disposittiv tas-sentenza bejn il-kontendenti fl-ismijiet indikati u peress li huma wirtu d-dritt ta’ uzu ta’ l-istess irmigg u baqghu juzaw l-istess irmigg.

“Illi kif inghad iktar il-fuq jirrizulta li meta saret l-applikazzjoni lill-Awtorita` Marittima minn Saviour Bellizzi nghata lilu biss *temporary mooring permit* u dan sehh minghajr ma gie kkonsidrat id-dritt ta’ uzu ta’ l-istess marbat *da parte* ta’ Joseph Bellizzi, u fil-fatt ma jirrizultax li sar lanqas biss ezami minimu ta’ dak li kien jippossedi l-istess rikorrenti.

“Illi l-istess Awtorita` sostniet li hija agixxiet b’dan il-mod ghaliex Saviour Bellizzi kien applika qabel ghall-istess applikazzjoni u allura meta applika r-rikorrenti ma setghax jinghata *temporary mooring permit* fuq l-istess marbat u dan peress li dan kien kontra l-*policy* vigenti ta’ l-istess Awtorita`. Fil-verita’ pero’, kif jirrizulta kemm mill-provi u kemm mis-sottomissjonijiet tal-istess rikorrenti, ma kien hemm ebda *policy* vigenti f’dan is-sens u l-ebda prova ta’ l-istess *policy* ma ngabet mill-istess Awtorita` intimata.

“Illi f’dan il-kuntest huwa relevanti li jinghad li sabiex Awtorita` tghid li hija qed isegwi *policy,* dik il-*policy* trid tigi

ppruvata li tezisti skond il-ligi ( **“Nazzareno Fenech vs Chairman ghan-nom ta’ l-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbiku”** (P.A. (GCD) – 9 ta’ Marzu 2001). Fuq l-istess binarju hija s-sentenza fl-ismijiet **“David Axiaq vs l-Awtorita` tat-Trasport Pubbiku et”** (P.A. (S.K) (TM) 5 ta’ Mejju 2005) fejn anke saret riferena ghall-*Interpretation Act* **(artikolu 6 (c) - Kap 249).**

“Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li fis-sentenzi stess mertu ta’ din il-kawza odjerna hemm rikonixximent ta’ dan id-dritt ta’ uzu ta’ irmigg, ghalkemm jinghad  li dan id-dritt spicca bl-Att li holqot l-Awtorita` u b’hekk kienet l-Awtorita` Marittima li holqot regim gdid ta’ drittijiet skond ir-regolamenti taghha. Dan pero’ ma jirrizultax mil-ligi tant li minn imkien ma jirrizulta li bit-twaqqif ta’ l-istess Awtorita` kien hemm xi intenzjoni sabiex min kellu dritt ta’ uzu ta’ irmigg jigi b’hekk imcahhad minnu.

“Illi anzi l-istess Awtorita` ntimata fl-istess kawzi ssottomettiet li fil-fatt baqghet ma harget l-ebda permessi hlief dak li nhareg lill-intimat Saviour Bellizzi u dan peress li *“hija dejjem taqdi dmirijietha skond il-ligi, qieghda tiehu passi sabiex sidien ta’ frejgatini f’Wied iz-Zurrieq jigu allokati lilhom irmiggi godda bla kaos u minghajr telf ta’ xi drittijiet. Ghaldaqstant l-Awtorita` mhijiex qieghda tohrog permessi godda ghal Wied iz-Zurrieq qabel ix-xoghol u studju mehtieg ikun komplut”.* Illi jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li bil-holqien ta’ l-istess Awtorita` ma kien hemm ebda regolament, ligi u wisq inqas *policy* li kienet tiddetta li d-drittijiet ta’ uzu li kienu vigenti u rikonoxxuti permezz tal-konswetudini jigu b’hekk ghal kollox injorati – u dan kif sar fil-konfront tar-rikorrenti.

“Illi jigi nnutat ukoll li f’dan il-kuntest in-nuqqassijiet tal-Awtorita` ntimata huma iktar serji u dan peress li nghad li l-permess ta’ *temporary mooring permit* gie moghti lil Saviour Bellizzi ghaliex dan applika l-ewwel u fit-terminu, mentri r-rikorrenti applika *fuori termine*, u fuq hekk ukoll hija sahansistra bbazata wkoll id-decizjoni ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell mertu tal-kawza odjerna.

"Illi fil-verita` jirrizulta li ma kien hemm ebda regolament li mpona xi terminu sabiex isiru tali applikazzjonijiet ghall-irmigg u wkoll li lanqas kien hemm xi sejha ghall-ftuh ta' l-istess applikazzjoni u x-xhieda kollha f'dan il-kuntest moghtija fl-istess kawzi minn rappresentanti ta' l-istess Awtorita`, inkluz il-persuna li harget il-permess ta' l-intimat Saviour Bellizzi, hija ghal kollox svijatorja kif sew indika r-rikorrenti fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu li ghaliha din il-Qorti qed taghmel riferenza, anke ghaliex jidher li sfortunatament tali decizjoni nhadet minn persuna wahda minghajr ma sar l-ebda studju ta' xejn dwar l-posizzjoni li kienet u ghadha tezisti f'dawk l-inhawi – b'mod li d-decizjoni li nhadet kienet wahda ghal kollox arbitrarja u certament ma haditx inkonsiderazzjoni l-ezami li l-istess Awtorita` kienet fid-dover li taghmel skond is-sottomissjonijiet taghha stess fuq citati fl-istess kawzi.

"Illi anki meta jigu ezaminati l-kundizzjonijiet imposti ghall-hrug tat-*temporary mooring permit* (a fol. 138 tal-process) hemm indikat is-segwenti : *"This permit which is issued on a temporary basis shall hold good at the pleasure of the Maritime Authority and may be withdrawn by the Executive Director (Yachting Centres Directorate) at any time by a simple notice".*

"Illi klawsola 3 ta' l-istess jinghad li kemm-il darba l-persuna li jkollha permess tonqos li tobdi certi direttivi ta' l-Awtorita` *"the moorings may become the property of the Malta Maritime Authority".* Dan kollu jindika li qed jigi trattat element ta' dritt u possediment fit-termini tal-ligi, tal-kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea.

"Illi ghalhekk minn dan jidher li l-*policy* tal-Awtorita` kienet u ghadha li tirrikonoxxi tali dritt peress li stqarret li fl-eccezzjoni taghha fl-istess kawza li *"hija dejjem taqdi dmirijietha skond il-ligi, qieghda tiehu passi sabiex sidien ta' frejgatini f'Wied iz-Zurrieq jigu allokati lilhom irmiggi godda bla kaos u minghajr telf ta' xi drittijiet. Ghaldaqstant l-Awtorita` mhijiex qieghda tohrog permessi godda ghal Wied iz-Zurrieq qabel ix-xoghol u studju mehtieg ikun komplut".* Mhux hekk biss izda fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha fil-kawza citata hija qalet li ma

hargitx permess lil Joseph Bellizzi peress li kienet harget gja permess lil Saviour Bellizzi u b'hekk kieku nhareg permess fuq l-istess dan kien a skapitu tad-drittijiet ta' dan ta' l-ahhar.

"Illi tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti thoss li gie ppruvat li d-dritt ta' uzu ta' irmigg huwa dritt li jgawdi l-protezzjoni tal-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tali dritt gie stabbilit permezz tal-konswetudini u ghalhekk permess jew licenzja ghall-irmigg ukoll tgawdi mill-istess protezzjoni, u hawn issir riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza **"David Axiaq vs l-Awtorita` tat-Trasport et"** (P.A. (TM) – 5 ta' Mejju 2005 – Q.K. 19 ta' Gunju 2006) u fejn jirrizulta li l-kuncett ta' proprjeta` u possedimenti ghall-iskop ta' kostituzzjoni huwa iktar estensiv (**"Barbara vs Onor. Prim Ministru"** – 20 ta' Jannar 1989).

"Illi fil-fatt b'dak li gara tali dritt ta' uzu ta' irmigg *da parte* tar-rikorrenti gie michud kontra d-disposizzjonijiet appositi fuq indikati u dan meta l-**Att XXVII tal-1991** li kkostitwixxa l-Awtorita` Marittima bl-ebda mod ma pprovda li d-drittijiet ta' uzu ta' irmigg li kienu jezistu f'Wied iz-Zurrieq kellhom jigu b'hekk terminati jew michuda; ma kien hemm lanqas ebda regolament li jipprovdi sabiex dan id-dritt ta' uzu ta' irmigg jigi njorat u certament li l-L.S. 352.11 datat l-1 ta' Mejju 1993 (esebit biss man-nota ta' osservazzjonijiet tal-Awtorita` Marittima fis-26.12.2006) ghalkemm taghti d-dritt lill-Awtorita` sabiex tohrog tali permessi ghat-tqeghid u uzu ta' irmigg, certament bl-ebda mod ma tipprovdi li jigu njorati d-drittijiet ezistenti fuq l-istess iktar u iktar b'mod minn kollox arbitrarju.

"Illi f'dan il-kuntest jinghad li jirrizulta lil din il-Qorti li ma kien hemm l-ebda *policy* li timmilita kontra r-rikonoxximent ta' tali drittijiet ta' uzu ta' irmiggi, li kienu minn zmien twil ilu ukoll jintirtu; mhux hekk biss izda l-istess Awtorita` ma harget ebda regolament li jipprovdi xi terminu li fih wiehed ghandu jissottometti l-applikazzjoni tieghu, u b'hekk mhux minnu li Saviour Bellizzi applika *entro* t-terminu u Joseph Bellizzi applika *fuori termine,* u f'dan is-sens ma hemm l-ebda dubju li s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Appell

mertu wkoll ta’ din il-pendenza hija frott ta’ disgwid tax-xhieda prodotta quddiemha.

“Illi mhux hekk biss izda jirrizulta mill-provi li l-persuni kollha li juzaw marbat fl-istess post illum ghadhom hekk juzaw minghajr ghadha ma nharget l-ebda licenzja ghall-irmigg lil xi persuna minnhom hlief lill-intimat Saviour Bellizzi; ghalhekk mhux minnu lanqas li hemm xi *policy* li kull applikazzjoni tigi trattata *on a case to case basis;* kif lanqas jidher li gie ppruvat li hemm xi *policy* li tipprojbixxi li rmigg partikolari jigi uzat minn zewg persuni u li allura li permess ta’ irmigg ma jistax jinhareg sabiex jintuza minn iktar minn persuna wahda.

“Illi fil-kaz odjern fil-fatt ma hemm ebda dubju li kien hemm prassi u konswetudini li dan l-irmigg partikolari kien jintuza minn almenu zewg persuni, u cjoe’ r-rikorrenti u l-intimat Bellizzi, u jidher li din l-usanza kienet rikonoxxuta bhala konswetudini almenu f’dawk l-inhawi, b’dan ghalhekk li din il-Qorti thoss li almenu ghall-inhawi ta’ Wied iz-Zurrieq, ma hemm xejn x’jista’ fil-ligi milli tigi rikonoxxuta din l-uzanza u konswetudini u ma hemm xejn kontra l-interess pubbliku fir-rikonnoxximent tal-istess.

“Illi f’dan il-kuntest ukoll jinghad li x-xhieda tar-rappresentanti tal-Awtorita` ntimata kienet ukoll mankanti ghaliex affarijiet ta’ din is-serjeta’ kollha ma jistghux jigu decizi b’dan il-mod arbitrarju u bla ebda studju ta’ xejn, u dan in-nuqqas huwa iktar gravi meta d-determinazzjoni ta’ l-istess ghandha konsegwenzi tant serji; dan huwa wkoll iktar gravi meta jidher li l-istess xhieda taw dettalji li kienu wkoll zbaljati lill-Qorti wkoll fil-kawzi decizi mertu ta’ din il-procedura u f’dan is-sens in-nota ta’ osservazzjonijiet tar-rikorrenti hija demostrattiva sew ta’ l-istess.

“Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li gie ppruvat li d-dritt ta’ uzu ta’ irmigg u l-licenzja jew permess ghall-uzu ta’ l-istess huwa dritt li jgawdi protezzjoni taht l-**artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokol** u **artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** u dan id-dritt gie mcahhad lir-rikorrenti meta fuq il-marbat in kwistjoni inhareg permess ta’ irmigg biss lil Saviour Bellizzi, tali permess datat 27 ta’ Gunju 1995 u ghalhekk

it-talbiet tar-rikorrenti in kwantu bbazati fuq l-istess artikoli ghandhom jigu milqugha fis-sens li meta nhareg *temporary mooring permit* fuq marbat numru 15 f'Wied iz-Zurrieq esklussivament favur l-intimat Saviour Bellizzi, dan hareg bi ksur tad-dritt ta' uzu ta' l-istess irmigg *da parte* tar-rikorrenti Joseph Bellizzi, u ghalhekk l-istess permess kif mahrug lill-Saviour Bellizzi qed jigi revokat b'dan minflok jinhareg mill-Awtorita` Marittima permess ghall-*temporary mooring permit* fuq marbat numru 15 f'Wied iz-Zurrieq f'isem kemm Saviour Bellizzi u Joseph Bellizzi, b'dan li l-istess kontendenti jkunu jistghu juzaw l-istess irmigg skond id-drittijiet taghhom fuq l-istess.

"Illi fir-rikors promotur ir-rikorrent sostna wkoll li l-process maghmul mill-Awtorita` kien jammonta ghal "aggudikazzjoni" cioe` d-determinazzjoni tad-drittijiet civili u obbligi tieghu, l-Awtorita` intimata naqset li taghtih smigh xieraq kif kien l-obbligu taghha li taghmel. Skond ir-rikorrent l-Awtorita` tqeghdet mill-Parlament f'posizzjoni ta' *quasi-judicial discretion* cioe` li trid li qabel ma tuza d-diskrezzjoni taghha tagixxi qisha Qorti u b'hekk taghti lill-persuni li sejrin jigu milquta u li jkunu nteressati opportunita` xierqa li jsembghu lehinhom.

"Illi l-Awtorita` Marittima eccepiet li l-pretensjoni tar-rikorrent biex jorbot mal-marbat mhix dritt civili *ai termini* ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Inoltre' fil-kamp tad-dritt pubbliku, cioe` r-regolamentazzjoni tal-bahar territorjali ta' Malta, u barra l-kamp tad-dritt privat, u konsegwentement dawn l-artikoli mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern. Inoltre' eccepiet li l-Awtorita` mhiex tribunal imwaqqaf b'ligi u b'hekk l-artikolu mhux applikabbli.

"Illi Salvatore Bellizzi eccepixxa li ladarba r-rikorrenti ma kellhomx id-dritt ta' proprjeta` pretiz minnhom fuq il-marbat, ma kellhom ebda jedd li jinstemghu fid-determinazzjoni tal-applikazzjoni tieghu. F'kull kaz isostni li r-rikorrenti fil-fatt ezercitaw id-dritt li jressqu l-ilment u l-pretensjonijiet taghhom quddiem il-Qrati ordinarji, u l-fatt li ma nghatawx ragun ma jfissirx li ma nghatawx smigh xieraq.

“Illi l-**artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta** jghid hekk:-

*“Kull qorti jew Awtorita` ohra gudikanti mwaqqfa b’ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta’ drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u mparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew Awtorita` ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli”.*

“Illi **l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi illi:-

*“Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta’ l-obbligi tieghu jew ta’ xi akkuza kriminali kontra tieghu kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b’ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista’ jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta’ l-ordni pubbliku jew tas-sigurta’ nazzjonali f’socjeta’ demokratika, meta l-interessi ta’ minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew sa fejn ikun rigorozament mehtieg, fil-fehma tal-Qorti, f’cirkostanzi specjali meta l-pubblicita’ tista’ tippregudika l-interessi tal-gustizzja.”*

“Illi fis-sentenza **“Kenneth Brincat vs L-Avukat Generali et”** (Rik. Nru : 38/01/RCP) intqal:-

*“Illi dan l-artikolu jipprovdi ghal dritt generali ta’ “smigh xieraq” u numru ta’ drittijiet specifici u jelabora aktar drittijiet fir-rigward ta’ dawk li jkunu qed jigu akkuzati b’akkuzi kriminali, fosthom ukoll id-dritt ghal tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b’ligi.”*

“Illi fis-sentenza **“Domenico Savio Spiteri vs A.G. et”** (Rik.Kost.746/00/RCP – P.A. (S.K.) (RCP) 2 ta’ Ottubru 2001) inghad li:-

*“Fis-sentenza **“St.Paul’s Court Limited vs L-Onor.P.M.et noe”** (Rik. Kost. Nru: 552/96VDG) deciza fis-16 ta’ Settembru 1998) l-istess Qorti sostniet li:-*

*“Kif tajjeb josservaw l-awturi **Harris, O’Boyle u Warbrick**:-*

*“In contrast with the other more precise guarantees in Article 6(1), the right to a fair hearing has an open-ended, residual quality”.*

*“Illi dwar l-istess artikolu nghad fis-sentenza **“Kostovski vs The Netherlands”** (20 ta’ Novembru 1989. Series A-166 12 EHRR434) li:-*

*“The effect of Article 6 (1) is, inter alia, to place the ‘tribunal’ under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision”.*

*“Illi minkejja dan xorta jista’ jinghad li l-elementi kollha ta’ dan id-dritt ma jistax jigu definiti a priori u specifikatament stante li l-istess principju hawn kawtelat huwa tassew wiesgha tant li nghad li:-*

*““It is a nebulous concept which absorbs other elements not explicitly mentioned in Article 6 but which are considered essential for deciding whether a fair hearing has occurred on the particular facts of a given case”.*

*““The right to a fair hearing requires a court to appreciate impartially all the matters of fact and of law submitted to it by both parties with reference to the particular issue which it is called upon to decide, since, as held by the European Commission, it is not possible to state in the abstract the content of this requirement." **(“The Right To Be Heard By An Independent and Impartial Tribunal”** (1997) **Dr. Roberta Gauci LL.D)”.***

*"Inoltre' fil-ktieb* ***"Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To A Fair Trial"*** *ta'* ***Andrew Grotrian*** *jinghad illi:-*

*""The requirement of fairness covers the proceedings as a whole, and not only those in an oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect."*

*"Illi ineffetti l-imsemmija awtur jelenka il-principji li jinkorpora fih l-imsemmi* ***Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea*** *u dawn jikkonsistu inter alia f':-*

*""The most established right added to Article 6(1) is the principle of the equality of arms. This is important to understand the operation of the underlying principle of 'fairness' and although it is not explicitly expressed in Article 6(1) it is necessarily implied. This concept comprises the idea that each party should have an equal opportunity to present his case and that neither party should enjoy any substantial advantage over his opponent. This concept of equality of arms was first mentioned in the* **Neumaister case** *(27/6/1968) and has been a feature of Article 6(1) ever since. The Commission has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases and in the context of civil cases between private parties, the Court has said:-*

*""The court agrees with the Commission that as regards litigation involving opposing private interests, equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis a vis his opponent."* **("Dombo Beheer BV vs The Netherlands***", 27 ta' Ottubru 1993)".*

*""In criminal cases, this principle of equality of arms overlaps with the specific guarantees in Article 6(3) however it has a wider application than the latter since it applies to all aspects of the proceedings."*

*"Illi mbaghad hemm drittijiet ohra li johorgu minn dan l-artikolu fosthom il-kuncett ta' "judicial process", id-dritt ta' "an oral hearing"; kif ukoll id-dritt illi d-decizjoni tkun motivata li fis-sentenza kif jirrizulta mis-sentenza* ***"Francis X. Aquilina vs. L-Avukat Generali et"*** *(P.A. (S.K.) (RCP) – 30 ta' Mejju 2002) li ghaliha qed issir riferenza u fejn tali principji gew trattati.*

"Illi r-rikorrent ikkwota s-sentenza **"David Axiaq vs L-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku et"** (Q.K. App Civ Nru: 602/97) fejn intqal li l-awturi **Van Dijk & Van Hoof** fil-ktieb taghhom **"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"** (3rd Edit. Pg 399) kitbu :

*""Up to the present the Court has held the first paragraph of Article 6 applicable, in addition to proceedings with a private-law character, to the following proceedings as determining civil rights or obligations:*

*- proceedings concerning a permission, license or other act of a public authority which forms a condition for the legality of a contract to be concluded with a private party;*
*- proceedings which may lead to the cancellation or suspension by the public authority of the qualification for practicing a particular profession or carrying on an economic activity;*
*- proceedings concerning the grant or revocation of a license by the public authorities which is required for setting-up a certain business or carrying on certain economic activities on a particular site".*

"Illi din il-Qorti thoss li l-principji enuncjati fis-sentenza **"David Axiaq vs l-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku"** gia citata ghandhom japplikaw ghall-kaz odjern u dan in kwantu jirreferu ghall-proceduri quddiem l-Awtorita` Marittima u dan anke *in vista* tal-fatt li gia gie deciz li d-dritt lamentat mir-rikorrenti huwa dritt li ghandu jkollu l-protezzjoni kemm taht id-disposizzjoni ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol u ghalhekk ukoll taht id-disposizzjoni ta' l-artikolu 6 ta' l-istess Protokol u dan fejn jirrigwarda kemm

l-ghoti tal-permess fuq l-istess irmigg in kwantu esklussiv lil Saviour Bellizzi u kemm fejn l-istess permess gie rifjutat lill-Joseph Bellizzi mill-Awtorita` Marittima.

"Illi r-rikorrenti sostna wkoll li sofra lezjoni tad-dritt ghall-harsien minn diskriminazzjoni in kwantu meta dahal fis-sehh l-Att XXVII tal-1991 dwar l-Awtorita` Marittima ta' Malta hadd mill-barklori li hemm f'Wied iz-Zurrieq ma applika ghal permess, izda huma – bl-eccezzjoni ta' Joseph Bellizzi – thallew ikomplu jgawdu d-drittijiet li kellhom u mhux minnu li l-arrangamenti kollha pre-ezistenti bbazati kif kienu fuq drittijiet ta' eredita', gew fix-xejn. Huma komplew jaghmlu uzu mill-irmiggar li kienu wirtu minghand missirijiethom minghajr ebda tfixkil u minghajr qatt ma nhargilhom il-permess.

"Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet ir-rikorrent specifika li l-Artikolu 14 qed jigi nvokat flimkien ma' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol. Dritt kwezit li kien igawdi r-rikorrent bhala barklor *full-timer* li minnu jaqla' l-ghixien tieghu gie mehud lilu meta nhareg *temporary mooring permit* lil Salvatore Bellizzi ad eskluzjoni tieghu. Qabel ma gara dan, ir-rikorrent kien ugwalment bhal Salvatore Bellizzi jorbot id-dghajsa tat-turisti mal-irmigg in kwistjoni. Izda l-Awtorita` Marittima kkomettiet att diskriminatorju meta filwaqt li stiednet permezz ta' ittra lil Salvatore Bellizzi biex jipprezenta applikazzjoni f'mument opportun, injorat kompletament lil Joseph Bellizzi li kien igawdi l-istess jeddijiet bhalu.

"Illi inoltre huwa espona li l-Awtorita` Marittima anke meta saret taf li jezisti wkoll Joseph Bellizzi bi dritt indaqs bhal Salvatore Bellizzi u saret taf ukoll bis-sentenza moghtija fl-1970 xorta wahda baqghet tiddiskrimina ma' Joseph Bellizzi billi rrifjutat li twaqqaf it-*temporary mooring permit* li kienet ikkoncediet b'mod ezkluziv lil Salvatore Bellizzi avolja dan kien *part-timer.*

"Illi l-artikolu enforzabbli huwa **l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** li jaghti protezzjoni minn diskriminazzjoni.

"**Is-subinciz (1)** ta' dan l-artikolu jipprovdi li:

*""Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (7) ta' dan l-artikolu ebda ligi ma ghandha taghmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nfisha jew fl-effetti taghha".*

"**Is-subinciz (3)** tal-istess artikolu jipprovdi illi fl-artikolu il-kelma "*diskriminatorju"* tfisser "*ghoti ta' trattament differenti li diversi persuni attribwibbli ghal kollox jew principalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva skond … is-sess li minhabba fiha persuni ta' deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu soggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijet li persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux soggetti ghalihom …".*

"Illi jrid jinghad ukoll li l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza "**Rose Anne Galea vs L-Onorevoli Prim Ministru**" (Q.K. 11 ta' April 1995) spjegat li:

*""Il-Kostituzzjoni taghna tiggarantixxi trattament non-diskriminatorju b'mod aktar specifiku, awtonomu u indipendenti minn drittijiet u libertajiet ohra. Hawnhekk hija d-diskriminazzjoni fiha nfisha, li hija kkonsidrata bhala bazi tal-azzjoni u allura m'hemmx bzonn li ssir referenza ghal xi dritt jew liberta` fondamentali iehor; m'hemmx bzonn ta' abbinament ta' zewg normi li jiggarantixxu drittijet fundamentali".*

"Illi din il-posizzjoni fil-Kostituzzjoni hija ben differenti mill-provedimenti dwar il-**Kap 319** kif ser jinghad iktar 'il fuq, *stante* li skond l-istess Kostituzzjoni it-trattament non-diskriminatorju fuq il-bazijiet uhud minnhom hemm indikati, huwa prottet *ut sic* ghaliex huwa awtonomu, u ksur tal-istess artikolu ghalhekk jimporta ksur tal-istess dritt, minghajr ma jehtieg li jkun hemm ksur ta' dritt fondamentali iehor fl-istess Kostituzzjoni.

"Illi pero` sabiex japplika l-istess **artikolu 45 (1)** xorta ma jridx ikun kaz li jaqa' taht is-**subartikoli (4) (5) u (7) tal-istess artikolu,** tant li l-istess subartikoli huma *"saved"* fl-istess **subartikolu (1).**

"Illi skond is-sentenza ricenti fl-ismijiet **"Katerina Cachia vs Direttur Generali tas-Sahha"** (V.D.G. 11 ta' Awissu 2000) inghad illi :-

*""l-aktar definizzjoni cara ta' xi tfisser "diskriminazzjoni" f'dan il-kuntest inghatat mill- Qorti Ewropea fis-sentenza taghha tat-28 ta' Settembru 1995, fil-kawza fl-ismijiet **"Spadea and Scalabrino vs Italy".** Dik il-Qorti qalet hekk: "Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in 'relevantly' similar situations and treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established, inter alia, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated*". *Il-Qorti hawnhekk tosserva li l-uzu tal-kelma "similar" u mhux il-kelma "identical"".*

"Illi fil-ktieb **"Civil Liberties",** Helen Fenwick iddiskriviet is-sinifikat ta' diskriminazzjoni hekk:-

*""One of the main themes in human rights jurisprudence concerns the duty of the states to treat citizens with equal concern and respect. This does not mean that no differentiation between citizens may occur but that inequality of treatment should not be based on factors which do not justify it. Thus, discrimination may be defined as morally unjustifiable as opposed to justifiable differentiation. It may be said that the latter occurs when a difference in treatment is accorded due to behavior which is the result of voluntary choice, the former when it is based on an attribute over which the individual has no control such as sex or skin color".* (pg.547).

"Illi ghalkemm dawn il-kwotazzjonijiet qed jirreferu ghall-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea,** fl-opinjoni ta' din il-Qorti, tali definizzjoni tapplika wkoll ghall-**artikolu Kostituzzjonali** taht ezami**,** u fil-fatt dan l-istess sinifikat gie abbraccjat mill-gurisprudenza nostrali ghall-kazi li jaqghu taht l-**artikolu 45 tal-Kap 1.**

"Illi in effetti fis-sentenza **"Angelo Xuereb vs Kummissarju tal-Pulizija"** (Q.K. 17 ta' Frar 1999) inghad

li jkun hemm diskriminazzjoni meta (1) kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjonijiet ugwali; (2) jigu trattati b'mod differenti (inkluz permezz ta' l-imposizzjoni ta' inkapacitajiet jew restrizzjonijiet jew l-ghoti ta' privileggi jew vantaggi); (3) meta ma jkunx hemm bazi objettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti (tali bazi objettiva u ragonevoli tigi nieqsa meta t-trattament differenti jkun attribwibbli ghal kollox jew principalment minhabba r-razza, il-post ta' origini, l-opinjonijiet politici, ecc … tal-persuni); jew (4) jekk ma jkunx hemm rapport ragonevoli ta' proporzjonalita` bejn il-mezzi mpjegati u l-iskop vizwalizzat.

"Inoltre` l-istess Qorti kompliet tespandi fuq is-sinifikat ta' diskriminazzjoni taht l-**Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** meta precizat illi "*naturalment salv dejjem l-eccezzjonijiet imsemmija fis-subartikoli ta' dak l-artikolu. Jekk ikun hemm id-diskriminazzjoni kif hawn aktar 'l fuq spjegat, mhux mehtieg li jirrizulta jew li jigi pruvat li min kien il-kawza tad-diskriminazzjoni agixxa proprju bil-hsieb li jiddiskrimina fuq bazi ta' razza, opinjoni politika, sess, etc; fi kliem iehor dak li l-Qorti ghandha tara hu jekk oggettivament tirrizultax id-diskriminazzjoni projbita, u mhux il-movent ta' min igib jew iwassal ghal tali diskriminazzjoni (ara f'dan is-sens, **"Saviour Gauci vs Direttur ta' l-Edukazzjoni**" - Prim Awla, Sede Kost - 14/07/75); **"Carmel Cacopardo vs Ministru tax-Xoghlijiet et**" - ga citata). Fondamentali, ghalhekk, fl-ezami tal-fatti hu jekk hemmx kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjonijiet ugwali li gew trattati b'mod differenti"*

"Illi dan jaqbel perfettament ma dak li nghad fis-sentenza **"L-Onor. Joseph Debono Grech vs Albert Mizzi"** (Q.K. 3 ta' Frar 1999) u cioe`:-

*""Illi hu car illi ghall-fini ta' dan l-artikolu (is-subinciz 3 tal-artikolu 3 tal-Kostituzzjoni), id-diskriminazzjoni kellha bilfors tirrizulta mill-paragun tat-trattament li persuni tal-istess deskrizzjoni kienu jinghataw u trid timporta differenza fl-ghoti ta' dak it-trattament li setghet tigi posittivament identifikata u attribwibbli, ghal kollox jew*

*principalment, ghall-fatt li dawk il-persuni kienu trattati diversament…..".*

"Illi l**-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem** jipprovdi illi:

*""It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhal ma huma s-"sess,…".*

"Illi kif gie ritenut mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Abdulaziz, Cabales and Balkandali (28 ta' Mejju 1985):**

*"Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to the "enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter".*

"Illi fis-sentenza "**Angelo Xuereb vs Kummissarju tal-Pulizija"** (Qorti Kost. 17 ta' Frar 1999), il-Qorti qalet li l-awturi van Dijk u van Hoof, b'referenza ghal dan il-passagg mis-sentenza **Abdalaziz**, spejgaw li:-

*""This formula makes it clear that Article 14 is not independent in the sense that there has to be at least some kind of relation with the rights and freedoms of the Convention; differential treatment in a field which falls outside the scope of the Convention cannot amount to a violation of Article 14"* ***(Theory and Practice of the European Convention on Human Rights, Kluwer, 1990, p 536).***

"Illi din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz kien hemm diskriminazzjoni tal-mod kif gie trattat ir-rikorrenti u l-mod kif gie trattat l-intimat Saviour Bellizzi u dan it-trattament

diskriminatorju baqa' jippersisti sakemm inharget licenzja esklussiva lil Savoiur Bellizzi fuq l-istess irmigg u giet michuda licenzja jew permess lil Joseph Bellizzi u dan anke meta jirrizulta li l-istess Awtorita` Marittima kienet konxja tal-fatt li l-istess Joseph Bellizzi kien igawdi minn dritt ta' uzu fuq l-istess irmigg u kellha l-mezzi kollha disponibbli sabiex tivverika l-istess. Dan qed jinghad ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u mhux ghal dak li jipprovdi l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni li huwa limitat ghad-diskriminazzjoni minhabba razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi u sess.

"Illi minhabba dan din il-Qorti thoss li ma hemmx bzonn li tezamina l-ilment tar-rikorrenti abbazi ta' l-artikolu 13 ta' l-Ewwel Konvenzjoni."

Rat it-tlett rikorsi tal-appell imressqa mill-intimati Salvatore Bellizzi, mill-Avukat Generali u mill-Awtorita` Marittima ta' Malta li in forza taghhom, ghar-ragunijiet minnhom rispettivament premessi, talbu r-revoka u t-thassir tas-sentenza tal-ewwel Qorti u c-cahda tat-talbiet tar-rikorrenti;

Rat li ghal dawn it-tlett rikorsi tal-appell, ir-rikorrenti appellati ressqu tlett risposti li in forza taghhom, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab f'kull kaz ic-cahda tal-appell u l-konferma tas-sentenza tal-ewwel Qorti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti f'din il-kawza jinsabu ben esposti fis-sentenza tal-ewwel Qorti, riprodotta fil-parti preliminari ta' din is-sentenza. Li jista' jinghad fil-qosor hu li r-rikorrent Joseph Bellizzi qed jilmenta mill-fatt li bhala titolar ta' rmigg f'Wied iz-Zurrieq, l-intimati flimkien agixxew b'mod li telfuh minn dan id-dritt li kellu, fis-sens li giet michuda t-talba tieghu li jithalla jorbot id-dghajsa tieghu mal-blat kif inghata permess li jaghmel l-intimat kuginuh, Salvatore Bellizzi.

Jigi osservat li r-rikorrent, b'citazzjoni numru 1269/95, kien talab, fil-konfront tal-Awtorita` Marittima ta' Malta, li jigi dikjarat li ghandu dritt jorbot il-frejgatina tieghu ma' rmigg f'Wied iz-Zurrieq u li huwa intitolat li jinhariglu l-permess sabiex jorbot il-frejgatina tieghu kif fuq inghad. B'sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' April 1999, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Gunju, 2001, it-talbiet tar-rikorrenti gew michuda. Ir-rikorrenti issa qed jallega li dik is-sentenza u c-cahda li jinghata dritt ta' rmigg jilledu d-drittijiet fundamentali tieghu, u precizament,

(1) li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta`;
(2) li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq;
(3) li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal rimedju effettiv;
(4) li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal harsien minn deskriminazzjoni.

L-ewwel Qorti laqghet it-talbiet tar-rikorrenti ghax qieset li hu kien titolar tad-dritt ta' rmigg, u c-cahda ghall-protezzjoni ta' dan id-"dritt" sar bi ksur tad-drittijiet fundamentali minnu elenkati.

Kif inghad, kontra din is-sentenza appellaw it-tlett intimati, u l-aggravji taghhom, peress li bejn wiehed u iehor huma simili, sejrin jigu trattati flimkien.

L-ewwel Qorti sabet favur ir-rikorrenti wara li kkonkludiet li l-fakolta` li kellu l-istess rikorrent Joseph Bellizzi biex jorbot mal-irmigg f'Wied iz-Zurrieq, huwa "possediment" protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Europea tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-irmigg in kwistjoni kien jintuza mir-rikorrent bis-sahha ta' ftehim milhuq zmien qabel bejn l-ahwa Bellizzi, inkluzi l-missirijiet tal-kontendenti Joseph Bellizzi u Salvatore Bellizzi, li kien gie inkorporat fis-sentenza li nghatat fil-kawza (citazzjoni numru 72/1968) fl-ismijiet "Mikiel Bellizzi v. Vincenzo Bellizzi et", fis-sens li l-marbat li hemm Wied iz-Zurrieq "jibqa' in komun bejn il-kontendenti". Dan l-irmigg kien isir bis-sahha ta'

"encroachment permit" mahrug mid-Dipartiment tal-Artijiet. Wara li nholqot l-Awtorita` Marittima ta' Malta, dawn it-tip ta' permessi gew terminati, u din l-Awtorita` bdiet hi tohrog "temporary mooring permits". Fil-fatt l-"encroachment permit" li kellhom ta' Bellizzi gie irtirat, u l-intimat Salvatore Bellizzi applika u nghata permess f'dan is-sens, waqt li r-rikorrent, meta, wara xi zmien, applika biex hu wkoll jithalla jgawdi mill-istess irmigg, ma nghatax permess.

Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent li hu jgawdi minn "possediment" li jehtieglu protezzjoni, din il-Qorti tirrileva li ghalkemm l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ma jipprovdiniex b'definizzjoni[1] ta' f'hiex jikkonsisti l-kuncett ta' beni jew possedimenti, gie stabbilit, diversi drabi, li dan il-kuncett ghandu jigi interpretat b'mod wiesa. In fatti, f'**Mellacher v. Austria**, 19 ta' Dicembru, 1989 dan il-kuncett gie interpretat li ma jinkludix biss art, imma anke interessi ohra li ghandhom valur ekonomiku. Isegwi illi kull interess li ma jimmanifestax din il-karatteristika ta' valur ekonomiku, dan jezorbita awtomatikament mill-iskop jew l-applikabbilita` ta' dan l-Artikolu.

Skond ma tikteb Monica Carss-Frisk[2], in fatti, "... *the concept of what constitutes property or "possessions", in Article 1 of Protocol Number 1 is wide;.... a range of economic interests falls within the scope of the right to property, including movable or immovable property, tangible or intangible interests".*[3]

B'dan ir-ragunament allura, wiehed jista' facilment jghid illi Artikolu 1 Protokol Numru 1, ma jillimitax il-protezzjoni li jhaddan lill-proprjeta` fis-sens klassiku tal-kelma, izda jestendi l-protezzjoni ghal interessi ohra. Dawn l-interessi imma jridu juru numru ta' karatteristici li gew zviluppati matul iz-zmien fil-gurisprudenza.

---

[1] Il-kuncett ta' "possessions" qatt ma gie moghti definizzjoni generali u lanqas astratta.

[2] A Guide to the Implementation of Article 1 of Protocol Number 1, page 10.

[3] Hawnhekk l-awtrici tkompli billi tghid li dawn kollha huma ikkonsiderati bhala "possessions": *"...shares, patents, an arbitration award, the entitlement to a pension, a landlord's entitlement to rent, the economic interests connected with the running of a business, the right to exercise a profession, a legitimate expectation that a certain state of affairs will apply, a legal claim, and the clientele of a cinema"*.

Huwa minnu, kif intqal hawn fuq, illi dawn l-interessi ghandhom ikunu, qabel xejn, ta’ natura kummercjali, jew ahjar, ekonomika. Barra minn hekk, dawn l-interessi ghandhom juru sufficentement li huma kapaci “of being realized” u b’hekk jirrapprezentaw dik li nsejhulha “legitimate expectation”[4] kif ser naraw aktar ’l isfel, u fl-ahharnett, dawn l-interessi legali ghandhom ukoll jimmanifestaw irwiehom u fuq kollox ikunu identifikati.

Il-protezzjoni ta’ dan l-Artikolu tapplika biss f’kaz li wiehed jista’ “lay a claim to the property concerned”. Dan l-Artikolu jipprotegi dik il-proprjeta` gia` ezistenti u mhux id-dritt li wiehed jakkwista proprjeta` fil-futur[5]. L-Artikolu 1 Protokol Numru 1, japplika biss, wiehed jista’ jinnota, ghall-beni jew possedimenti li persuna diga` ghandha u li diga` qed tgawdi. Irid jigi pruvat mill-applikant quddiem il-Qorti li huwa ghandu pretensjoni legali li jezercita “property rights” – **Zwierzynski v. Poland**, 19 ta’ Gunju, 2001.

Sabiex wiehed jitlob u jinvoka l-protezzjoni ta’ dan l-Artikolu, wiehed irid ikollu forma ta’ dritt li qed igawdi li, skond il-Konvenzjoni Ewropea, jigi meqjus bhala “property right” **– Sv. United Kingdom (1986 – Application Number 11716/85).**

Alternattivament, sabiex “claim”[6] tkun ikkonsiderata bhala “possession” taht Artikolu 1 Protokol Numru 1, ghandu jigi ppruvat li hemm pretensjoni legali li timmerita li tigi akkolta.
“*A legitimate expectation must be of a nature more concrete than a mere hope and be based on a legal*

---

[4] **Bevler v. Italy (5-Jan-2000) –** l-applikant f’dan il-kaz ipprova li kellu *de facto* ‘property interest’ fil-pittura u b’hekk kellu ‘a legitimate expectation’.

[5] Isegwi allura li l-pretensjoni li wiehed ser jiret proprjeta` fil-futur, per ezempju, ma jkunx protett taht dan l-Artikolu **Marckx v. Belgium 1979 u fl-1987 f’Inze v. Austria.**

[6] **Antonakopoulos v. Greece (14-Dec-1999)** – gie argumentat is-segwenti:- “*as long as the holder of a claim can have a “legitimate expectation” of realizing the claim, that is, that the claim is “sufficiently established” to the extent of being executable, then this claim is in principle to be accepted as on par with “possession” capable of being protected by Article 1 Protocol Number 1”.*

*provision or a legal act...*" – **Gratzinger and Gratzingerova v. The Czech Republic (2002)**.

Jekk dan ma jkunx hekk, allura ma jistax jinghad li hemm "legitimate expectation". Dan ifisser illi dik it-talba trid tkun sufficcentament "established to be enforceable" – **case of Burdov v. Russia**, 7 ta' Mejju, 2002; **Timofeyen v. Russia**, 23 ta' Jannar, 2004 u **Stran Greek Refineries & Straits Andreadis v. Greece**, 9 ta' Dicembru, 1994. Jekk din it-talba ma tistax tkun imwettqa, allura ma tistax tigi kkwalifikata bhala "possession". Barra minn hekk, gie interpretat ukoll li "a claim" jew talba, tista' tigi kkonsidrata bhala "possession" taht dan l-Artikolu jekk huwa muri li hemm "a legal entitlement", ossia dritt legali ghall-beneficci ekonomiku ta' dak l-individwu koncernat jew "a legitimate expectation that the entitlement will materlise" – **Pressos Compania Naviera S.A. v. Belgium (1995)**[7] u **National and Provincial Building Society v. U.K. (1997)**.

Peress li dan l-Artikolu fil-principju tieghu jeskludi d-dritt ghall-akkwist, **Potocka and Others v. Poland (2000)**, huwa importanti illi kull min igib azzjoni ghall-ksur ta' dan l-Artikolu, jipproduci *prima facie* evidenza ta' <u>l-ezistenza u l-validita` tat-talba tieghu</u> jew taghha ghal dak il-beni in kwistjoni.

Hekk ukoll kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Zammit v. Ellul Vincenti noe**, deciza fil-31 ta' Lulju, 1996, f'referenza ghall-artikolu wiehed in kwistjoni:
"*Hu immedjatament ovvju li l-protezzjoni tal-konvenzjoni hi <u>favur</u> id-dgawdija pacifika tal-possedimenti ta' kull persuna u <u>kontra</u> li jigu pprivati minnhom hlief fl-interess pubbliku. Ovvju wkoll li dan id-dritt ma jezistix u allura ma jistax jigi vjolat jekk il-persuni, f'dan il-kaz l-appellant, ma jipprovawx li huma ghandhom jew kellhom, fil-mument tal-allegata vjolazzjoni, il-possedimenti li minnhom jallegaw li gew illegalment u abbuzivament ipprivati*".

---

[7] **Fedorenko v. Ukraine (1-June-2006)** – Il-Qorti f'dan il-kaz, qalet li skond kazistika tal-organi tal-Konvenzjoni, "possessions" jistghu jkunu kemm beni li diga` jezistu jew assi ('assests') u dan jinkludi 'claims' li l-applikant jargumenta li ghandu almenu 'a legitimate expectation' li jista' jottjeni tgawdija fid-dritt ta' proprjeta`.

Issa f'dan il-kaz, ma jirrizultax li r-rikorrent qatt kellu dritt ghall-irmigg li qed jilmenta li ma hax. Huwa ressaq il-pretensjoni tieghu quddiem il-Qrati ordinarji tal-pajjiz u gie dikjarat mill-Qorti tal-Appell li hu ma kellux dritt ghal dak l-irmigg. Darba hu hekk, m'ghandu ebda possediment li jimmerita protezzjoni. Biex tirnexxi talba taht il-provvediment tal-ewwel artikolu in kwistjoni, irid jirrizulta li dak li jkun gie mcahhad mit-tgawdija ta' oggett li jkun fil-pussess tieghu, u jekk ikun gie dikjarat li ma jkollux dritt ghal dak l-oggett, f'kaz bhal dan, u kif meqjus f'**Azinas v. Cyprus**, 28 ta' April, 2004, "... *the applicant had no 'legitimate expectation' of receiving a pension"*, jew, f'dan il-kaz, ghall-irmigg.

Ir-rikorrent jissottometti, pero`, li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ghandha tigi skartata peress li hi stess tikser id-drittijiet fundamentali tieghu ta' smigh xieraq. Dan sehh, skond hu, ghax (i) ebda rimedju ma nghatalu u ghalhekk gie mcahhad mid-dritt ta' rimedju effettiv, u (ii) hija inkonsistenti mas-sentenza li inghatat fil-kawza bejn l-ahwa Bellizzi (dik bin-numru 72/1968). L-ewwel Qorti qieset li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell, li kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, ivvjolat id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, "in kwantu d-dritt ta' uzu tal-istess rikorrenti Joseph Bellizzi ghall-istess irmigg ma giex rikonoxxut".

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti, peress li jekk ir-rikorrenti ghandux jew le dritt ghall-irmigg ma kienx kompitu taghha li tiddecidieh, izda tal-Qrati ordinarji, kif mitluba jiddeciedu fil-kawza li fetah ir-rikorrent, dik bin-numru 1269/95. Ma kienx il-kompitu tal-ewwel Qorti li tisma' jew tanalizza l-provi mill-gdid, lanqas li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Prim Awla u tal-Qorti tal-Appell fil-kawza 1269/95. Il-fatt li Qorti tqis persuna bhala li kien jimmerita rimedju, ma jfissirx b'daqshekk li Qorti ohra li cahdet it-talba ghal dak ir-rimedju agixxiet bi ksur tad-drittijiet fundamentali ta' dik il-persuna. Mhux ir-rwol tal-Qrati b'kompetenza specjali li jezaminaw il-fatti li waslu lill-Qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja tiddeciedi favur naha jew ohra, ghax altrimenti

tkun qed tagixxi bhala Qorti tat-tielet jew raba' istanza. Mhux funzjoni tal-Prim Awla fil-kompetenza kostituzzjonali u "konvenzjonali" taghha, u ta' din il-Qorti li jirrevedu allegati zbalji ta' xi Qorti ohra. Din il-Qorti ghandha l-kompitu li tezamina u tiddeciedi jekk proceduri li zvolgew quddiem Qorti ohra setghux jivvjolaw xi dritt fundamentali.

Kif osservat din il-Qorti fil-kawza **Valfracht Maritime Co. Ltd. v. Avukat Generali et**, deciza fit-22 ta' Novembru, 2006,
"Certament l-odjerna procedura ma tistax tintuza biex tirrettifika kwalunkwe nuqqas, ikun xi jkun ta' xi Qorti ohra, izda minflok hija procedura straordinarja li ghandha dejjem tigi ezercitata fil-parametri strett tad-dritt fundamentali li allegatament ikun gie vjolat. F'dan il-kuntest huwa opportun li tigi citata silta mill-volum imsemmi Jacobs and White, The European Convention on Human Rights, Third Edition, fejn f'pagna 140 l-awturi jikkummentaw hekk dwar l'hekk msejjha "*fourth instance*" *doctrine*. Dan l-insenjament qieghed jigi enfasizzat hawn, ghaliex japplika, *mutatis mutandis* ghall-Prim Awla tal-Qorti Civili u ghal din il-Qorti meta jkunu qeghdin jezaminaw allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali fil-konfront ta' xi qorti jew tribunal iehor:

"**Every month the Court of Human Rights receives many hundreds of letters complaining about the decisions reached by national courts in civil and criminal trials. These applications are, however, based on a fundamental misconception of the Convention system. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the**

**Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be.**

"**The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is *not* to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6.**" (sottolinear ta' din il-Qorti)

Issa, f'dan il-kaz ma giex allegat li l-Qorti tal-Appell ma kentix imparzjali jew kienet ippregudikata, u lanqas ma gie allegat li, tul is-smigh tal-kawza, ir-rikorrent ma nghatax opportunita` iressaq il-kaz tieghu. Li qed jigi allegat hu li l-Qorti giet zvijata minn certa xhieda allegatament inveritiera, izda l-process f'kawza civili huwa "adversarial" u mhux "inquisitorial", u sta ghall-partijiet iressqu, jikkontrollaw u, jekk hemm bzonn, jikkontradixxu l-provi mressqa. L-allegati "asserzjonijiet inveritieri", jekk jezistu, saru waqt is-smigh tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti (dik bin-numru 1269/95), pero`, ir-rikorrent, attur f'dawk il-proceduri, ghalkemm kellu l-opportunita` jressaq il-kaz tieghu, ma kkontradixxix dawk l-asserzjonijiet. Mhux hekk biss, izda jekk ir-rikorrent hass li s-sentenza inghatat a bazi ta' xhieda falza, kellu kull opportunita`, bis-sahha tal-ligi ordinarja, iressaq kawza gdida biex jitlob dikjarazzjoni li x-xhieda kienet falza, u wara jitlob is-smigh mill-gdid tal-kawza fit-termini tal-Artikolu 811(j) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Ukoll jezisti l-istess rimedju jekk il-Qorti tkun ibbazat ruhha fuq fatt li ma jirrizultax mill-atti u li kien detterminati ghas-sentenza (art. 811(l) tal-istess Kodici).

Parti sokkombenti f'kawza li ghaddiet in gudikat, ma tistax, meta jfetlilha, terga' tiftah il-kawza taht il-kappa "kostituzzjonali" jew "konvenzjonali", fuq allegazzjoni li fil-kawza precedenti saru stqarrijiet mhux veritjeri. Jekk jithalla li jsir dan, jigi newtralizzat l-effett tal-gudikat, bi pregudizzju serju ghall-interess pubbliku u c-certezza li

ghandha tirrizulta mill-istess gudikat, anke f'dik li hija l-interpretazzjoni tal-ligi, interpretazzjoni li hi rimessa f'idejn il-Qrati ordinarji skont il-kompetenza ta' kull wahda minnhom.

Din il-Qorti ezaminat l-atti tal-process bin-numru 1269/95, u ma tarax li l-process ma kienx wiehed gust jew li l-proceduri "taken as a whole" naqqsu milli jfornu lir-rikorrent/attur smigh xieraq. Ix-xhieda li nghatat kienet accessibbli ghall-partijiet u setghet tigi verifikata u, jekk hemm bzonn, kontradetta minn verifiki li kull parti kellha obbligu li taghmel f'dak il-mument – u mhux xhur wara li tithalla tinghata s-sentenza finali!

Din il-Qorti lanqas ma tara li hemm xi kontradizzjoni bejn is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-5 ta' Gunju, 2001, u l-ftehim inkorporat fis-sentenza fil-kawza bin-numru 72/1968. Dak il-ftehim gie registrat f'verbal mill-partijiet u wara inkorporat fis-sentenza li nghatat f'Marzu tal-1970. Dak il-ftehim jorbot *inter partes*, u ma jobbliga lil hadd jagixxi konformament ma' dak il-ftehim. Il-ftehim sehh bejn il-familja Bellizzi, u d-Dipartiment tal-Artijiet ma kienx parti. Ghalhekk, meta r-rikorrent talab lill-Awtorita` Marittima ta' Malta li jinghata l-irmigg kif kien inghata kuginuh, il-Qorti tal-Appell ghamlet sew li qieset biss ir-relazzjoni bejn ir-rikorrent/attur u dik l-Awtorita`, u ma dahletx fil-ftehim bejn il-membri tal-familja Bellizzi.

Dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-5 ta' Gunju, 2001, hu li r-rikorrenti Joseph Bellizzi ma ghandu ebda dritt jinsisti mal-Awtorita` Marittma ta' Malta li hu ghandu xi dritt ta' irmigg – l-effett tal-ftehim registrat fl-atti tal-kawza bin-numru 72/1968, jekk hemm, baqa' impregudikat u mhux kontradett.

La darba mela, is-sentenza tal-5 ta' Gunju, 2001, li ddikjarat li r-rikorrent ma kellu ebda dritt ta' irmigg f'Wied iz-Zurrieq hija valida u ghaddiet in gudikat, ma jistax jinghad li l-istess rikorrent ghandu xi possediment li gie mcahhad minnu jew li fih qed jigi mfixkel mill-Istat.

Fil-kors tas-sentenza taghha l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza **Axiaq v. l-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku**, deciza finalment minn din il-Qorti fid-19 ta' Gunju, 2006. Il-fattispecie ta' dik il-kawza kienu, pero`, ben differenti minn din. Fil-fatt, f'dik il-kawza r-rikorrent talab u nghata permess mill-Awtorita` kompetenti biex ihaddem *passage boat* fl-inhawi tad-Dwejra, Ghawdex, izda wara li nghata dan il-permess, l-Awtorita` kompetenti kienet unilateralment irrevokatlu l-istess permess. Fil-fatt, il-Prim Awla tal-Qorti Civili kienet qalet hekk fir-rigward:
"Din il-Qorti trid ticcara li hi mhix qed tghid li min ikun inhariglu permess jew licenzja ghal negozju, dan irid jigi mgedded bil-fors, izda li la darba hareg permess, biex dan ma jigix mgedded, irid jirrizulta jew li l-proprjetarju naqas li jottempera ruhu ma' xi ligi, jew in forza ta' xi *policies* ufficjali li jkunu cari, definittivi u applikabbli ghall-materja, u dejjem wara li jigu segwiti l-principji ta' gustizzja naturali. *Altrimenti*, licenzja ma tistax titnehha jew ma tigix imgedda bl-addocc, ghax kull min hu titolar ta' permess jew licenzja ghandu dritt jistenna li, *ceteris paribus*, il-licenzja tieghu tigi mgedda."

Is-sitwazzjoni fil-kawza odjerna hija kompletament differenti ghax ir-rikorrenti f'din il-kawza qatt ma kellu fuq ismu permessi relattivi. Li jista' jivvanta r-rikorrenti, huwa, forsi, obbligazzjoni personali favur tieghu bis-sahha tal-ftehim registrat fil-kawza bin-numru 72/1968, izda din l-obbligazzjoni hija, se mai, enforzabbli kontra l-partijiet l-ohra fuq il-ftehim, u mhux fil-konfront tal-Awtorita` Marittima ta' Malta.

F'kull kaz, din il-Qorti ma taqbilx li l-uzu li r-rikorrent kien qed jaghmel mill-irmigg, jaghtih xi dritt tutelabbli fil-konfront ta' l-Awtorita` intimata. Dak li sehh bejn il-familja Bellizzi hu tutelabbli fil-kuntest tar-relazzjonijiet ta' bejniethom, izda mhux versu l-Awtorita` kompetenti biex tirregola l-irmiggi. Il-kaz tal-familja Bellizzi ghandu min-natura ta' arrangamenti li soltu jaghmlu gabillotti dwar l-uzu tal-ghelieqi koncessi lilhom b'titolu ta' qbiela; dawn l-arrangamenti, validi kemm huma validi fir-relazzjonijiet interni ta' bejniethom, ma jorbtux lis-sid. Il-Qorti tal-

Appell, (Sede Inferjuri) fil-kawza **Theuma v. Spiteri**, deciza fl-10 ta' Dicembru, 2008, ghamlet din l-osservazzjoni fil-kuntest ta' ftehim bejn diversi gabillotti: "*Dwar dan il-fatt mill-punto di vista legali tajjeb li l-Qorti ticcara li filwaqt li huwa minnu dak li ssottolinja l-konvenut illi xi sentenzi jissanzjonaw ftehim bejn il-gabillotti fir-rigward tal-modus vivendi ta' bejniethom fejn jidhlu passaggi u affarijiet ohra in konnessjoni mal-hdim ta' l-ghelieqi rispettivi – ara per ezempju s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet* ***Antonio Bartolo v. Pawlu Vella*** *deciza fl-10 ta' Ottubru, 1958 citata minn dik tal-Prim Awla moghtija fit-28 ta' Jannar, 2004 fl-ismijiet* ***John Aquilina v. Charles Gauci*** *– dan ma jfissirx li ftehim simili jorbot ukoll lis-sid. Infatt l-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet* ***Alfred Farrugia noe v. Joseph Psaila et*** *deciza fil-21 ta' Jannar, 1993 ghamiltha cara illi: "Ftehim bejn il-gabilotti minghajr l-intervent tas-sid ghandu jitqies ghas-sid bhala res inter alios acta u konsegwentement mhux vinkolanti fuqu.*" (ara wkoll, fl-istess sens, il-kawza **Galea v. Galea**, deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Novembru, 1948, fejn intqal li l-uzu ta' passagg minn gabillott ghal zmien twil, ghalkemm tollerat, ma jaghti ebda dritt ta' passagg, u s-sid jista' jwaqqaf jew jaghmel li ticcessa "meta jrid".)

Ghalhekk, l-uzu tal-irmigg minn diversi persuni, li, fit-termini tas-sentenza **Cutajar v. Cutajar**, deciza fis-27 ta' Frar, 1960, li ghaliha r-rikorrent u l-ewwel Qorti ghamlu riferenza, kien jigi "tollerat" mill-awtoritajiet civili, ma jista' johloq ebda dritt fil-konfront tal-istess awtoritajiet civili. U dan kollu jghodd ukoll fir-rigward tal-ilment ta' vjolazzjoni ghal rimedju effettiv.

Ghar-rigward tal-ilment tar-rikorrent li hu ma nghatax smigh xieraq mill-Awtortia` Marittima ta' Malta, dan id-dritt, bil-Konvenzjoni, jinghata meta *in issue* jkun hemm "determination of civili rights and obligations". Issa f'dan il-kaz il-licenzja li talab ir-rikorrent ma kenitx biex hu jopera negozju, cioe`, biex ihaddem id-dghajsa b'giti ghat-turisti (kif kien il-meritu tal-kawza **Axiaq v. L-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku**, aktar qabel imsemmija) imma semplicement biex ikun jista' jorbot il-frejgatina tieghu f'Wied iz-Zurrieq. Ma jistax jinghad, allura, li t-talba tar-

rikorrent hija wahda "*in which a determination by a public authority of the legal position of a private party is at stake*" (Theory and Practice of the European Conventions and Human Rights" ta' van Dijk et, 4th Edd, 2006, pagna 538). Kwindi l-protezzjoni li toffri l-Konvenzjoni ghal smiegh xieraq mhux applikabbli f'dan il-kaz.

F'kull kaz, ir-rikorrent attakka d-decizjoni tal-Awtorita` Marittima ta' Malta, b'kawza *ad hoc* li ggib in-numru 1269/95, u kif rajna, il-Qorti tal-Appell cahdet l-ilmenti tieghu, u dan a bazi tal-fatt li, bin-nuqqas ta' azzjoni tieghu, ir-rikorrent cahhad lilu nnifsu mil-*locus standi* quddiem l-Awtorita`. Din id-decizjoni issa ghaddiet in gudikat, u la darba gie hekk determinat, ma jistax aktar ir-rikorrent jilmenta min-nuqqas ta' smigh xieraq.

Ir-rikorrent jilmenta wkoll, u l-ewwel Qorti qablet mieghu, li hu gie trattat b'mod diskriminatorju mill-Awtorita` Marittima ta' Malta. L-ewwel Qorti sabet diskriminazzjoni a bazi tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Europea, u mhux ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Issa, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, skond il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 14 tal-konvenzjoni invokat "*has no independent existence, since it has effect solely in relation to the enjoyment of the rights and freedoms safeguarded by those provisions.*" Kif rajna, l-allegazzjoni tar-rikorrenti la jinkwadraw ruhhom fil-parametri tad-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta` u l-possedimenti u lanqas fil-parametri tad-dritt ghal smigh xieraq. Dan in-nuqqas jeskludi ghal kollox l-applikabbilita` tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, u la darba r-rikorrent ma ressaq ebda appell incidentali dwar ic-cahda mill-ewwel Qorti tat-talba tieghu bazata fuq l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti ma tistax tidhol fl-ilment bazat fuq allegat deskriminazzjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mit-tlett appelli interposti billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fis-6 ta' Mejju, 2008, u tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif kontenuti fir-rikors promotorju tat-28 ta' Ottubru 2002.

L-ispejjez kollha tal-kawza, kemm dawk tal-Prim Istanza kif ukoll dawk ta' dana l-appell, jithallsu mill-appellati solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------